**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs.**

**Analdo Andres Venghaus**

Numru 610/2015

Illum 23 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Analdo Andres Venghaus**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Mereida Antonia Rodriguez, imwieled Curacao nhar l-14 ta' Lulju 1978, residenti Imperial Hotel, Sliema, detentur tal-Passaport mahrug mill-*Kingdom of the Netherlands* nhar l-24 ta' Ottubru 2014 u jiskadi nhar l-24 ta' Ottubru 2024 u bin-numru NT9192579

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Lulju 2015 u matul il-granet ta' qabel:

1. assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (kokajina) bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni sabiex tigi mportata f'Malta d-droga kokajina u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JC" – *a fol.* 7) datat 30 ta' Lulju 2015 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 610/15 redatt mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, liema Process Verbal jirrigwarda: *"Stqarrija*

*Guramentata ta' Edgar Del Valle Yendes Gonzalez"* (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21).

Rat il-vera kopja tal-Process Verbal bin-Numru 722/15 redatt mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, liema Process Verbal jirrigwarda: *"Sejba ta' Kapsoli suspettata kontenenti droga ta' Edgar Del Valle Yendes Gonzalez minn gewwa l-kamra 131/132, ir-Rokna Hotel, Triq il-Knisja, San Giljan nhar is-27 ta' Lulju 2015"* (Dok. "AA 1" – *a fol.* 84 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 471) datat 7 ta' Awwissu 2020 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), ordna li l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2020 (*a fol.* 476), il-Qorti hadet konjizzjoni tal-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali msemmi fil-paragrafu precedenti, f'liema seduta d-difiza ddikjarat li ma kellha l-ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020, lill-imputat Analdo Andres Venghaus jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 483 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 401 *et seq.*), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2020 (*a fol.* 505).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-7 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 506 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Cassar** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Lulju 2015 gie nfurmat mill-impjegati tar-Rokna Hotel f'San Giljan li waqt li kienu qeghdin ibghattlu kamra bin-numru 131 kongunta ma' dik bin-numru 132 il-*cleaner* sabet ammont ta' kapsoli li huma mal-ewwel issuspettaw li kienu jikkontjenu d-droga. Jixhed li baghat lil PS 65 u lil PC 482 fuq il-post fejn dak li gie nfurmat bih gie kkonfermat u li huwa nforma lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Josette Demicoli li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn hatret diversi esperti sabiex jassistuha fl-Inkjesta. Spjega x'irrizulta minn indagini li ghamlet il-Pulizija u x'ghamlet il-Pulizija meta rrizulta li l-kmamar in kwistjoni kienu mikrija minn certu Edgar Del Valle Yendes Gonzalez. Jixhed li Gonzalez gie arrestat hekk kif irritorna lura fil-lukanda u li ghall-ewwel Gonzalez ma kkooperax mal-Pulizija u nnega li kien jaf bl-ezistenza tal-kapsoli u mbaghad biddel il-verzjoni li kien jaf bl-ezistenza taghhom. Jixhed li Gonzalez wera x-xewqa li jghin lill-Pulizija f'konsenja kkontrollata, liema konsenja kkontrollata bdiet fis-27 ta' Lulju 2015 u giet konkluza fit-28 ta' Lulju 2015 fejn eventwalment gie arrestat l-imputat hekk kif kien ser jirkeb *taxi* u li persuna ohra bl-isem ta' Rafael Lucia intilef mill-Pulizija u wara sar maghruf li qabad l-ajruplan u telaq lejn Spanja. Jghid li l-Pulizija kellhom daqxejn ta' diffikolta' peress li kien hemm *language barrier* peress li hadd mill-Pulizija ma kien jifhem bl-ispanjol u kien hemm mument fejn l-interpretu ma setghetx tkun ma' Gonzalez ghall-fini ta' konsenja kkontrollata. Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa stqarrija li tinsab mmarkata bhala Dok. "JC 3" (*a fol.* 10 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat tkellem ma' avukat tal-ghajnuna legali.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Cassar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 468) fejn ezebixxa bhala Dok. "XYZ" (*a fol.* 469) kopja tar-rikors li hu kien ghamel lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Josette Demicoli fis-27 ta' Lulju 2015, liema

Rikors jirrigwarda talba sabiex issir il-konsenja kkontrollata hawn fuq imsemmija, liema talba giet milqugha.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed ukoll **PC 1026 Brandon Gauci** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Lulju 2015 hu u PC 243 inghataw struzzjonijiet sabiex imorru r-Rokna Hotel minhabba xi droga li nstabet fi kmamar 131 u 133 u li qaghdu hemm flimkien ma' Gonzalez. Jixhed li qaghdu jistennew fil-kamra sal-ghada t-28 ta' Lulju 2015 sas-1.00pm u li wara qaghdu fir-*reception* sakemm isir il-kuntatt ma' Gonzalez. Jixhed li ghal xi l-5.00pm kien sar xi kuntatt u kien hemm suspett li n-nies li kellhom jiehdu d-droga kienu qeghdin fil-vicin. Jghid li huma hargu barra u segwew lil Gonzalez u li meta l-imsemmi Gonzalez beda tiela' t-telgha ta' Triq San Gorg (jigifieri minn naha tal-McDonald's 'l fuq lejn il-Pizza Hut), l-imputat kien nizel minn naha tal-HSBC lejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fl-istess bankina, f'liema hin l-imputat u Gonzalez *"qishom hakkew flimkien"* (*a fol.* 29). Jixhed li sar kuntatt bil-kliem bejn Gonzalez u l-imputat u fejn l-imputat qallu xi haga bil-fomm u nghata wkoll karta skura u baqghu ghaddejjin fid-direzzjoni opposta ta' xulxin. Jghid li nghata struzzjoni li jekk l-imputat jipprova jitlaq miz-zona, huma kellhom jarrestawh. *Di fatti* jispjega li ghall-habta tas-6.30pm l-imputat ipprova jitlaq *b'taxi* izda PC 243 u PS 890 lehqu waslu hdejn it-*taxi* u arrestawh. Meta gie muri Dok. "JC 1" (*a fol.* 27) u gie mistoqsi jghid jekk huwiex f'pozizzjoni jikkonferma din hijiex l-istess karta li ra lill-imputat jghaddi lil Gonzalez wiegeb li minn fejn kien hu fin-naha l-ohra tat-triq ma kienx possibbli jikkonferma li kienet din il-karta pero' jghid li l-karta li giet mghoddija kienet skura. Mistoqsi jghid jekk rahx jghaddilu xi haga ohra barra l-karta, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed ukoll **PS 518 Anthony Degiovanni** (*a fol.* 31) fejn li qal li huwa kien involut dakinhar tat-28 ta' Lulju 2015 wara li fil-gurnata ta' qabel kienet instabet xi droga ghand Gonzalez fil-lukanda Rokna, f'Paceville. Jghid li fit-28 ta' Lulju 2015 huwa mar fuq il-post fejn kien hemm diga' xi Pulizija jistennew fir-*reception*. Jispjega li ghall-habta tal-5.30pm Gonzalez hareg mil-lukanda u beda nizel lejn il-McDonald's. Jghid li f'dak il-hin hu (PS 518) ma baqax isegwihom pero' baqa' fit-triq fil-vettura

fejn hemm il-hwienet ta' Hugo Boss. Jghid li aktar tard huwa nizel isfel *"fejn huma dahlu meta qed nghid huma s-Sur Edgar Gonzalez u tnejn min nies ohra, wiehed minnhom qed naghrfu u l-iehor … li kien hemm taxi 208 u mbaghad jien mort warajh bil-vettura taghna kont wahdi u … minn hemmhekk wara sirt naf li mar il-Belt"* (*a fol.* 31). Jghid li l-ghada kien involut ma' Gonzalez meta dan idahhal l-iSptar minhabba li kellu xi *injuries*.

**PS 518 Anthony Degiovanni** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 350) fejn meta gie muri Dok. "JC 1" (*a fol.* 7 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21) qal li qed jaghraf il-firma tieghu fuq din l-istqarrija li jghid fiha hames faccati u li jghid saret gewwa l-iSptar Mater Dei minn Edgar Del Valle Yendes Gonzalez fid-29 ta' Lulju 2015. Jghid li saret f'Mater Dei peress li Gonzalez kien rikoverat l-iSptar. Jixhed li l-istqarrija saret bla theddid u bis-solitu twissija tal-avukat u li saret ukoll, jekk mhux sejjer zbaljat, quddiem l-interpretu Imelda Fede.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed ukoll **PS 1086 Johann Micallef** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn beda billi qal x'informazzjoni gie moghti minn PS 1174 dakinhar tat-28 ta' Lulju 2015 in segwitu tal-arrest ta' Gonzalez. Spjega li ra lil Gonzalez mixi fid-direzzjoni tal-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, qasam ghal *bus road* ta' faccata tal-Ghassa u li hu (PS 1086) seta' jara lill-imputat (li jghid kien liebes flokk ahdar) u lil persuna ohra li kien hemm mieghu (liema persuna jghid li kellha qmis blu skur) u li lil dawn innutahom mexjin u jharsu fid-direzzjoni ta' Gonzalez u kif waslu fejn l-Ghassa ta' San Giljan daru lura u dahlu gol-McDonald's. Jisjega li hu flimkien ma' PS 365 dahal wara Gonzalez gol-McDonald's fis-sular ta' fuq u li fuq mejda isfel innota lill-imputat u lill-persuna l-ohra bil-qieghda. Ta x'spjegazzjoni ta' dak li kien qed jigri gewwa u fejn qal ukoll li PS 1174 kien infurmah li l-persuna li kienet mal-imputat kien hareg wahdu barra mill-McDonald's. Jghid li nforma lil PS 1174 li l-imputat kien ukoll hareg barra mill-McDonald's filwaqt li kompla jghidlu (lil PS 1086) li dik il-persuna li kienet mal-imputat rikbet *taxi* u telqet minn fuq il-post. Jixhed li dak il-hin Gonzalez hareg barra McDonald's u hu (PS 1086) flimkien ma' PS 365 qabdu l-vettura taghhom u ppruvaw jilhqu t-*taxi*. Jghid li hemmhekk informa lil PS

1174 fejn hu (PS 1086) gie nfurmat li Gonzalez kien ghamel kuntatt mal-imputat fejn qallu li dan l-imputat qal lil Gonzalez biex imur l-Imperial Hotel bl-affarijiet. Jixhed li hu (PS 1086) flimkien ma' PS 365 marru l-Imperial Hotel fejn sabu li l-imputat kien registrat gol-kamra bin-numru 211 flimkien ma' persuna ohra u li kienu ghadhom kif waslu cioé fit-28 ta' Lulju 2015. Jghid li marru membri ohra tal-iSkwadra ta' Kontra d-Droga fejn saret tfittxija fil-kamra msemmija fil-prezenza tal-imputat fejn gew migbura zewg bagalji, wahda tal-imputat u f'liema hin l-imputat qalilhom li l-bagalja l-ohra kienet ta' siehbu li kien mieghu.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Awwissu 2015, xehed ukoll **PC 243 Clayton Frendo** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Lulju 2015 kellu struzzjonijiet minn ghand l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Cassar biex imur hdejhom go kamra 131 u 132 fir-Rokna Hotel fejn meta wasal, Cassar qallu li kien hemm certu Gonzalez qieghed maghhom li ddecieda li jghin lill-Pulizija billi jaghmel konsenja kkontrollata. Jispjega li baqghu ma' Gonzalez sal-ghada fejn ghall-habta tal-5.30pm Gonzalez qalilhom li jista' jkun li barra kien hemm zewg persuni li jista' jkun huma l-istess nies li kellhom jigbru d-droga u li Gonzalez ha kafe' fuq mejda li kienet vicin tal-mejda fejn kien hemm dawn iz-zewg persuni u li minn hemm Gonzalez qalilhom li kien ha jimxi lejn il-McDonald's u li dawn kienu jew quddiemu jew warajh. Jghid li kellu struzzjonijiet biex isegwi liz-zewg persuni li semma Gonzalez u li wara ftit wiehed minnhom tela' go *taxi* u li minkejja li marru jsegwuh l-kollegi tieghu dan lehaq telaq. Jghid li hu (PC 243) baqa' jsegwi lill-imputat u kellu struzzjonijiet biex ma jhalliehx jitlaq minn fuq il-post. Fil-fatt jghid li minkejja li l-imputat lehaq rikeb go *taxi*, marru hu u PS 891 jigru, waqqfu lil tat-*taxi* u arrestaw lill-imputat. Jixhed li marru gol-kamra li kien qalilhom l-imputat fl-Imperial Hotel fejn minn tfittxija li saret ma nstab xejn illegali.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015, xehed **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Lulju 2015 mar fir-Rokna Hotel fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Jonathan Cassar fejn il-*cleaner* indikat il-gwardarobba li fiha kien hemm kapsoli li kienu mimlijin b'dak li kien suspettat droga. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur li

nforma lill-Magistrat tal-Ghassa u li l-istess Spettur tah struzzjonijiet sabiex jistenna lill-persuna fuq min kienet il-kamra, cioé lil Gonzalez. Jixhed li Gonzalez gie arrestat hekk kif dahal gol-kamra fejn wara ftit hin huwa ddecieda li jkompli jikkollabora mal-Pulizija. Jghid li l-ghada filghodu rega' mar gol-lukanda fejn kompliet ghaddejja l-konsenja kkontrollata u wara nofsinhar Gonzalez infurmahom li kellu johrog barra mil-lukanda biex jiltaqa' ma' persuna. Jispjega li Gonzalez hareg mil-lukanda u li hu flimkien ma' kollegi ohra tal-Pulizija mxew warajh fejn gie nnutat li zewg persuni bdew jaghmlu *eye contact* ma' Gonzalez li kien mixi. Jixhed: *"l-ewwel zewg persuni jimxu u hu jimxi warajhom, jaqbizhom u l-hin kollu…lil xulxin"* (*a fol.* 43). Jghid li baqghu ghaddejjin hekk mir-Rokna Hotel sakemm waslu sa gewwa McDonald's ta' San Giljan. Identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kien qed isegwi lil Gonzalez. Jispjega li hu u PS 1086 marru gewwa l-Imperial Hotel fejn gew infurmati li dawn il-persuni kienu ghamlu *check-in* kmieni wara nofsinhar. Jixhed li meta dahlu fil-kamra bin-numru 211 tal-Imperial Hotel kien hemm zewg bagalji fuq is-sodda li kienu jindikaw li huma tal-imputat u l-ohra ta' certu Rafael Lucia.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Lulju 2015 gie moghti struzzjonijiet biex imur ir-Rokna Hotel u li meta mar baqa' barra mil-lukanda josserva t-triq. Jispjega li dahal fil-lukanda hekk kif gie nfurmat li Gonzalez kien dahal fil-kamra tieghu. Jghid li ghal habta ta' l-4.00pm ta' l-ghada Gonzalez hareg mil-lukanda, dar fuq ix-xellug fejn hemm il-Pizzerija tar-Rokna Hotel u ntefa' bil-qieghda hemm wahdu fuq mejda pero' jghid li vicin il-mejda kien hemm zewgt irgiel ohra. Jghid li bejniethom ma kienx hemm kliem pero' beda jsir *eye contact* u fl-istess hin Gonzalez baqa' jaghmel xi haga fuq il-*mobile*. Fir-rigward taz-zewg persuni li ra fuq il-mejda l-ohra, jghid li mentri wiehed kien libes *t-shirt* ahdar, l-iehor kien libes qmis blu. Identifika lill-imputat bhala dak li kien libes *t-shirt* ahdar. Jghid li wara li Gonzlez dam bil-qieghda hemm ghal madwar hames minuti, qam u beda mixi lejn il-Hilton u tela' l-fuq lejn il-Wembley pero' waqaf fejn it-*taxi stand* faccata tal-hanut Hugo Boss. Jghid li kif waqaf jistenna hemmhekk, ftit wara ra lill-imputat u lill-persuna l-ohra fuq l-istess bankina tal-Hugo Boss. Jispjega li

dawn iz-zewg persuni qasmu lejn il-Wembley u bdew nezlin in-nizla u hekk kif waslu kantuniera qabel l-HSBC dahlu go hanut fil-vicin. Jghid li dak il-hin Gonzalez beda mixi warajhom u kif ghadda minn quddiem dan il-hanut, hu baqa' nizel l'isfel u l-imputat u l-persuna l-ohra li kien hemm mieghu bdew nezlin mexjin warajh lejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fuq l-istess bankina. Jghid li hekk kif avvicinaw l-Ghassa tal-Pulizija, Gonzalez qabez il-McDonald's u l-imputat u l-persuna li kien hemm mieghu dahlu gol-McDonald's. Spjega li f'dan il-hin hu avvicina lil Gonzalez u staqsieh jekk dawn kienux iz-zewg irgiel u hu ghamillu sinjal fl-affermattiv. Jghid li ftit wara Gonzalez dahal ukoll il-McDonald's pero' dak il-hin hu ma segwihx u li dahlu kollegi ohra. Jghid li hu baqa' fuq barra josserva u li hin minnhom hareg wahdu dak li kien mal-imputat li gie segwit minn kollegi tieghu. Jispjega li ftit wara hareg Gonzalez fejn qasam faccata tal-McDonald's fejn hemm *bus stop* imbaghad warajh hareg l-imputat li baqa' miexi fuq l-istess bankina tiela' 'l fuq lejn id-driezzjoni ta' Paceville. Jghid li ftit wara Gonzalez rega' dahal fil-McDonald's u hu dahal warajh *"u beda rajtu qed jevitani u speci ghamitlu sinjal "x'int taghmel?". Ghidltu "the other one left as well", qalli "no", ghidtlu "yes left as well""* (*a fol.* 47). Jghid li kif qallu hekk, qabad u tela' fuq l-istess bankina jigri lejn Paceville. Jghid li ra lill-imputat rega' beda nizel l-isfel u hu (PS 1174) tela' 'l fuq isegwi lil Gonzalez. Jghid li l-kollegi tieghu bdew isegwu lill-imputat u hu u PC 760 qabdu lil Gonzalez u qallu biex jergghu jmorru lejn ir-Rokna Hotel fejn kien ghad hemm l-interpretu.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015, xehdet ukoll **WPC 44 Graziella Sciberras** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn spjegat li fit-28 ta' Lulju 2015 kienet giet infurmata li kienet qed issir konsenja kkontrollata peress li l-gurnata ta' qabel kienu nstabu xi kapsoli gor-Rokna Hotel u li l-persuna arrestata kien certu Gonzalez. Tispjega li hekk kif Gonzalez hareg barra peress li qal li kien sar kuntatt mieghu, huma mxew warajh. Tghid li kien hemm zewg persuni (fejn mentri wiehed kellu flokk blu, l-iehor kellu flokk ahdar bil-beritta li gie identifikat minnha bhala l-imputat) li bdew jimxu vicin xulxin u li f'hin minnhom dawn dahlu l-McDonald's. Tghid li l-imputat

qalilhom li wiehed minn dawk iz-zewg persuni kien tah karta tal-Imperial Hotel.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **PC 1295 Dylan Abela** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn beda billi qal li fis-27 ta' Lulju 2015 mar ir-Rokna Hotel fejn kienu nstabu xi kapsoli go kamra 131 u 132 u li wara xi hin mar Gonzalez. Jghid li l-ghada wara nofsinhar Gonzalez qalilhom li kienet marret din il-persuna li kellu jigbor il-kapsoli fejn huwa qam u ltaqa' ma' zewg persuni, li wiehed minnhom identifikah bhala l-imputat fl-awla, rawh jimxi maghhom u jinzel mill-Ghassa tal-Pulizija sa fejn hemm il-venda ta' San Giljan telghin u nezlin il-hin kollu. Jghid li Gonzalez gie nfurmat biex imur ir-Rokna Hotel fejn dan tahom *leaflet* tal-Imperial Hotel.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015, xehed **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Lulju 2015 ghall-habta tas-1.30pm kien flimkien ma' PS 635 fejn PS 635 ircieva telefonata fejn kien infurmat illi fir-Rokna Hotel gewwa San Giljan waqt li l-*maid* tal-lukanda msemmija certu Valerie Cerello kienet qed tnaddaf kamra 131/132 sabet ammont ta' kapsoli ta' kulur abjad fil-gwardarobba. Jghid li marru fuq il-post fejn il-*maid* uriethom dawn l-istess kapsoli. Jixhed li rrizulta li l-kamra kienet ibbukkjata fuq certu Gonzalez mill-Venezwela u li qaghdu jistennew sakemm dan jirritorna lura fil-kamra. Jispjega li ghal xi s-6.15pm l-imsemmi Gonzalez irritorna lura fejn gie arrestat. Jixhed li kien hemm ftit ta' *language barrier* u li aktar tard wasal fuq il-post l-iSpettur Jonathan Cassar flimkien mal-interpretu fejn gie spjegat lil Gonzalez l-ligi tal-konsenja kkontrollata u fejn hu xtaq li jkompli jghin lill-Pulizija. Jixhed li ghada fis-1.00pm Gonzalez qalilhom li min kien ser jigbor x-xoghol kien jinsab fuq titjira minn Amsterdam lejn Malta u jghid ukoll li ghall-habta tal-5.00pm Gonzalez ircieva struzzjonijiet sabiex johrog barra mil-lukanda, joqghod fejn hemm il-kafeterija u jiehu birra. Jghid li hekk kif hareg barra, deher jaghmel kuntatt ma' zewg persuni: persuna liebsa beritta u flokk ahdar u persuna li kienet liebsa kollox blu. Jghid: *"Il-kuntatt sar billi x'hin kien sejjer biex ipoggi hdejhom qalulu biex ma jpoggiex hdejh"* (*a fol.* 57). Jghid li ghall-habta tas-6.00pm Gonzalez ircieva struzzjonijiet sabiex jibda mixi lejn il-McDonald's ta' San Giljan u li warajh kien hemm dawk iz-zewg

persuni li semma li kienu bil-qieghda hdejh ftit tal-hin qabel. Jghid li dahlu fil-McDonald's u ftit tal-hin wara l-persuna li kienet liebsa l-blu dehret miexja lura lejn ir-Rokna Hotel u qabdet *taxi*. Jispjega li l-persuna l-ohra li kienet liebsa beritta u flokk ahdar, kif mexjin lura kemm hu kif ukoll Gonzalez hekk kif waslu quddiem ir-*restaurant* Paparazzi dehru jaghmlu kuntatt bl-ispalla u jispecifika li x'hin gew kontra xulxin taw daqqa ta' spalla fuq xulxin f'liema hin Gonzalez gie mghoddi *flyer* tal-Imperial Hotel u xi flus kontanti. Jixhed li minn hemmhekk, hu (PC 760) flimkien ma' WPC 44 qabdu mexjin lura ma' Gonzalez lejn ir-Rokna Hotel fejn qalilhom li kienu ghaddewlu l-flus u wriehom il-karta u ftit tal-hin wara rcieva struzzjonijiet sabiex ma jmurx l-Imperial Hotel ghaliex kienu qed jissuspettaw li hemm il-Pulizija. Jghid li rcieva messagg iehor sabiex isib lukanda ohra. Jghid li ftit tal-hin wara marru gewwa l-Alexandra Hotel fejn giet ibbukkjata kamra numru 252 li giet imhallsa mill-istess flus li kienu gew mghoddija lil Gonzalez ftit tal-hin qabel. Jghid li baqa' jsir kuntatt permezz tal-*mobile* fejn fost il-messaggi kienu qalulu li kien mar jigbor x-xoghol xi hadd bl-isem ta' Lucia. Jixhed li wara t-8.00pm il-kuntatt inqata' u li ghall-habta ta' nofs il-lejl gie deciz li l-konsenja kkontrollata tieqaf. Identifika lill-imputat bhala l-persuna li aktar kmieni qal li kien liebes il-beritta u flok ahdar u jispecifika li dan kien l-istess persuna li ghadda l-flus li semma aktar qabel. Jghid li l-imputat gie arrestat minn PS 891 ghall-habta tas-6.15pm.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015, xehed ukoll **PS 891 Oscar Baldacchino** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Lulju 2015 irrikorra fir-Rokna Hotel gewwa Paceville fejn kienu nstabu xi kapsoli suspettati droga. Jghid li wara li gie arrestat Gonzalez (li kien il-persuna fil-kamra fejn instabu l-kapsoli), Gonzalez ddecieda li jassisti lill-Pulizija f'konsenja kkontrollata. Jixhed li l-ghada tkompliet il-konsenja kkontrollata u wara li l-istess Gonzalez ghamel kuntatt ma' min kien baghtu minn barra bil-kapsoli, kien gie nfurmat li kien gej xi hadd fuq titjira minn Amsterdam sabiex jigbor l-imsemmija kapsoli. Jixhed li aktar tard wara nofsinhar dehru zewg persuni jippassigaw ghal diversi drabi quddiem ir-Rokna Hotel u jghid dawn li kienu ghamlu kuntatt mal-istess Gonzalez sabiex johrog barra hdejn il-lukanda sabiex jarawh.

Jixhed li wara li rawh, ghamlulu sinjal u li minn hemmhekk infurmawh sabiex jimxi warajhom u nizlu lejn il-McDonald's ta' San Giljan, hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Jghid li kemm Gonzalez u kif ukoll iz-zewg l-persuni l-ohra dahlu gewwa l-McDonald's u wara ftit tal-hin wiehed minnhom li kien liebes *t-shirt* blu hareg mill-McDonald's u rega' tela' l-fuq lejn id-direzzjoni ta' Paceville. Jixhed li wara ftit tal-hin Gonzalez u l-imputat hargu wkoll mill-McDonald's u bdew mexjin lejn id-direzzjoni ta' Paceville u li hekk kif waslu quddiem l-istabbiliment Ben Estates fejn hemm kappella zghira, l-imputat ghamel kuntatt ma' Gonzalez fejn ghaddielu *brochure* u mitejn u hamsin Euro (€250.00) u qallu sabiex jaqbad *taxi* u jmur gewwa l-Imperial Hotel. Jixhed li l-ewwel persuna li kien liebes *t-shirt* blu li wara rrizulta li kien certu Rafael Lucia qabad *taxi* hekk kif kien tiela' l fuq u telaq minn fuq il-post. Jispjega li wara li Gonzalez u l-imputat telghu u nizlu l-istess Triq San Gorg diversi drabi, l-imputat deher jaqbad *taxi* u kien ser jitlaq minn fuq il-post u kien hawnhekk li gie arrestat. Jghid li l-imputat ittiehed l-Imperial Hotel fejn kien qed jirrisjedi fejn saritlu tfittxija li minnha ma rrizulta xejn partikolari u gie mehud lejn id-*Depot* tal-Pulizija. Jghid li sussegwentement Gonzalez kien gie nfurmat sabiex ma jmurx l-Imperial Hotel ghaliex il-Pulizija kienu jafu bihom u li kellu jmur f'lukanda ohra. B'hekk Gonzalez gie mittiehed l-Alexandra Hotel fejn inkriet kamra ohra ghall-ammont ta' sittin Euro (€60.00) li kienu ttiehdu mill-mitejn u hamsin Euro (€250.00) li kien inghata mill-imputat aktar kmieni u b'hekk inkriet din il-kamra fil-lukanda msemmija fejn ippruvaw ikomplu bl-istess konsenja kkontrollata fejn ghall-habta tal-11.30pm il-kuntatt inqata' ghal kollox.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015, xehed **Jonathan Abdilla** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Executive Secretary* mal-Airmalta. Ezebixxa bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 71 *et seq.*) il-*bookings* li ghamlu certu Analdo Venghaus u Rafael Lucia fit-28 ta' Lulju 2015 fuq titjira bin-numru KM 397 minn Amsterdam ghal Malta.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2016, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 78) fejn qal li ghan-nom ta' Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali kien qieghed jipprezenta elenku tal-assi ta'

Analdo Andres Venghaus, liema elenku gie mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (fl-ahhar ta' Volum 1). Jghid li bhala sejbiet ma hemm assolutament xejn hlief mir-Registru Pubbliku li tawhom id-digriet tal-iffrizar tal-assi li nhareg mill-Qorti.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016, xehed **Godwin Bowerman** (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn spjega li huwa l-*Operations Manager* tal-Imperial Hotel gewwa tas-Sliema. Identifika lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li l-Pulizija arrestat u jispjega li meta marru l-Pulizija, hu (Bowerman) kien maghhom fil-hin meta nfethet il-kamra bin-numru 211 u nkluz fil-hin meta l-imputat gie arrestat. Jixhed li fil-kamra msemmija kien hemm persuna iehor residenti li ma dahalx il-lukanda. Jghid li l-imputat u l-persuna l-ohra kellhom joqghodu fil-lukanda msemmija mit-28 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Lulju 2015.

**Godwin Bowerman** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn ezebixxa l-*booking* originali u l-kont li hargu fir-rigward tal-kamra li ghamel riferenza ghaliha qabel, liema dokumenti gew mmarkati bhala Dok. "GB 1" (*a fol.* 178 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*booking* sar minn agenzija bl-isem ta' GTA li jiktbulhom sabiex jirrizervaw kamra. Jghid li l-kamra giet rizervata fuq isem certu Lucia u fuq isem Venghaus. Jghid li mar biss Venghaus u li l-iehor Lucia qatt ma dahal fil-lukanda.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 174) fejn spjega li kien gie awtorizzat li jezamina karti tal-flus ghall-impronti digitali u li kien inkarigat jaghmel ezami komparattiv mal-impronti digitali tal-imputat. Jixhed: *"Rigward impronti digitali ghandi nghid li kien hemm hafna tracci zghar ta' impronti digitali u marki ohra li jien ukoll indikajthom permezz ta' vlegeg ta' lewn ahmar pero' ghar-rigward l-istadju li kien imissi biex isir ezami komparattiv bejn l-impronti tas-Sur Venghaus ma' dawn l-impronti ghandi nghid li dawn huma tracci zghar hafna u ghalhekk ma fihomx id-dettal li wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni minghajr ebda dubju. Allura f'dan l-istadju waqaft hemmhekk fl-ezercizzju tieghi"* (*a fol.* 174). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (fl-ahhar ta' Volum 2).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2016, xehed ukoll **PS 422 Neil Caruana** (*a fol.* 175) fejn meta gie muri rapport li jinsab *a fol.* 101 *et seq.* ikkonferma li dan ir-rapport gie mhejji minnu.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016, xehed **Simone Finocchiaro** (*a fol.* 188 *et seq.*) fejn qal li huwa kien fir-Rokna Hotel fil-kamra ta' magenb fejn instabet is-sustanza. Mistoqsi meta kien dan, qal li kien f'Lulju 2015. Ma jiftakarx id-data. Mistoqsi jghid jekk lilu xi hadd infurmahx b'din is-sistanza, wiegeb fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jghid jekk jafx lill-imputat, u mitlub ihares lejh, wiegeb li ma jaghrfux.

Illi, fis-seduti tad-19 ta' Lulju 2016 u tat-30 ta' Awwissu 2016, xehed **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 194 u *a fol.* 203) fejn ezebixxa kopja tar-rapport li hejja hu meta gie inkarigat bhala Espert fl-Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa kopja tar-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JH 1" (*a fol.* 195 *et seq.*) u bhala Dok. "JH 2" (*a fol.* 204 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2016, xehed ukoll **PC 482 Keith Muscat** (*a fol.* 198) fejn spjega li fis-27 ta' Lulju 2015 mar ir-Rokna Hotel flimkien ma' PS 635 fejn ivverifikaw li verament kienu nstabu xi kapsoli f'kamra u li stennew lil Gonzalez.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2016, xehdet **Fiona Broome Camilleri** (*a fol.* 199) fejn qalet li hija *Manager* ghan-nom ta' Rokna Hotel. Meta giet mistoqsija fuq min kienet registrata l-kamra 131/132 fis-27 ta' Lulju 2015 wiegbet li kienet registrata fuq certu Edgar Gonzalez. Tghid li hekk kif il-kamra kienet qed tigi mnaddfa, il-*cleaners* hargu xi haga minn xi gwardarobba u waqaw xi affarijiet mill-gwardarobba. Tghid li cemplulha mal-ewwel, telghet fil-kamra, harset lejn dawn l-affarijet li tghid kienu qishom *bullets* zghar bojod u qaltilhom ma jmissu xejn, nizlet isfel u cemplet lid-*Drug Squad* mal-ewwel.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016, xehed **Edgar Del Valle Yendes Gonzalez** (*a fol.* 215) fejn filwaqt li kkonferma li kellu pendenti kontra tieghu proceduri kriminali, meta gie nfurmat li kellu l-ghazla li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu, qal li kien lest li jixhed pero' l-Qorti nfurmatu biex ikellem lill-avukat tieghu.

**Edgar Del Valle Yendes Gonzalez** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 221 *et seq.*) fejn mistoqsi jghid jekk ikkomunikax mal-avukat tieghu mill-ahhar seduta u jekk kienx lest li jixhed, ghazel li jixhed minkejja li rega' gie mfakkar li kellu dritt li ma jixhidx *stante* li kien ghad hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Mistoqsi dwar meta fit-28 ta' Lulju 2015 gie arrestat mir-Rokna Hotel go San Giljan, qal li dakinhar kien kera zewgt ikmamar ghax kien qed jistenna habib tieghu iehor li kien gej minn pajjiz iehor ghax il-kamra l-ohra kienet ghal dan il-habib l-iehor. Jghid li dan il-habib li qed isemmi jismu Rafael. Jispjega li rega' sema minnu mill-messaggi fejn qallu li Malta ser ikun ma' habib tieghu (ta' Rafael) u qallu (lil Gonzalez) biex jaghtih basket. Jixhed li din il-persuna waslet, tah basket (lil Gonzalez) u, jekk jiftakar sew, dan il-basket poggieh fil-kamra bin-numru 152, jew 52, pero' jghid li mhux cert jekk hux qed jiftakar sew. Jghid li lir-*receptionist* qalilha li kien ser jaghtiha c-cavetta u meta kienet ser tigi din il-persuna, taghtiha c-cavetta. Jghid li tar-*reception* qaltlu li ma kellhiex aktar post u b'hekk kellu jhalli l-kamra u qalilha li kien sejjer jiekol u kien ser jerga' imur lura. Jixhed li wara xi hames sieghat rega' mar lura fejn sab il-Pulizija fil-kamra u kif ukoll fil-kamra l-ohra. Jixhed li gie mistoqsi jekk kienx jaf x'kien hemm fil-kamra l-ohra u jghid li hu wiegeb fin-negattiv u jghid li qalulu li kien hemm xi hwejjeg u jghid: *"li x'aktarx huma hasbu li hija droga wkoll li kienet qeghda go din il-kamra"* (*a fol.* 222). Jghid li hu qalilhom li ma kellu l-ebda idea x'kien gara. Jghid li qalilhom li: *"dik hija ta' persuna ohra li gejja tfittixhom hawn"* (*a fol.* 222). Jghid li qalulu li kienu ser jorganizzaw biex din il-persuna tmur hemm sabiex ikunu jistghu jaqbduha. Jispjega li l-habib tieghu wasal u staqsieh jekk kienx fil-kamra. Jixhed: *"ghidtlu li kien hemm xi haga stramba ghax kien qed jigri qisu xi haga stramba ghax bdejt nibghatlu hafna messaggi lil din il-persuna ghax l-iSpettur qalli mhux inti l-iSpettur ghax kien hemm xi persuna ohra u beda jghidli "iktiblu biex hu jkun jigi*

*hawnhekk biex ahna nkunu nistghu naqbduh""* (*a fol.* 222). Jispjega li waqt li kienu qed jiktbu u jitkellmu, *"ghidtlu li "jien ha nitlaq", jien nahseb li hu kien qed jissuspetta f'xi haga"* (*a fol.* 222). Jixhed li l-gurnata ta' wara Gonzalez lil dan il-habib tieghu qallu li ma kien hemm xejn hazin u qallu biex jikkalma u jghid li qallu (Gonzalez lil dan) li r-*receptionist* kienet qaltlu li ma kienx hemm aktar post fil-lukanda u li hu (Gonzalez) qallu li ma kellux flus. Jghid li dan kien il-kliem li l-iSpettur qallu (lil Gonzalez) biex jghidlu biex forsi dan il-habib tieghu jikkalma u jmur. Jixhed li l-gurnata ta' wara kien hemm madwar tnax il-Pulizija li kienu qed jistennew lil dan il-habib tieghu jmur. Jghid li hu tkellem mieghu personalment u li l-Pulizija kienu mal-madwar. Jghid li mxew mir-Rokna Hotel sa hdejn il-McDonald's u jghid li mxew, bejn wiehed u iehor, madwar erba' toroq u jghid li Pulizija warajh beda jkellmu: *"bl-Ingliz Malti qisu Ingliz"* (*a fol.* 222) imma jghid li ma tantx beda jifhem. Jghid li hu (Gonzalez) baqa' mixi warajh sal-McDonald's u li meta huwa (Gonzalez) dahal il-McDonald's, tela' fejn hemm it-*toilets* fejn qal li anke hemm kien hemm Pulizija fejn dan qallu xi haga u li hu (Gonzalez) ma bediex jifhem ezattament x'kien qed jghidlu. Jghid li hu (Gonzalez) qallu li l-habib tieghu kien qed jahrab. Jghid li hu (Gonzalez) tkellem bl-Ispanjol u li l-Pulizija ma fehmuhx. Jghid li meta nizel, siehbu kien diga' lehaq harab u li ma jafx ghala l-Pulizija li kien hemm (fejn specifika li kien hemm hafna) ma qabduhx lil dan il-habib tieghu. Jghid li wara Pulizija ta' sess femminili qaltlu biex imorru lura lejn il-lukanda, marru l-lukanda imma qalulu li kienu ser jistennew gurnata ohra, b'hekk mar go lukanda ohra u mbaghad wara l-iSpettur qallu li kellu bzonn imur l-iSptar biex jaghmel xi testijiet. Ghad-domanda kemm kien hemm persuni nvoluti, wiegeb li kienet persuna wahidha li jghid kien habib tieghu li kien jiktiblu l-messaggi. Jghid li dan jismu Rafael. Mistoqsi jghid jekk f'xi hin semmiehx b'ismu lill-Pulizija, wiegeb fin-negattiv u jghid li ma qalilhomx l-isem "Rafael" peress li fuq il-*mobile* tieghu kien qieghed imnizzel bhala "is-sinjur tas-sema". Jghid li qatt ma gie mistoqsi ghall-isem ta' min kien dan. Mistoqsi jghid x'gie mghoddi lilu waqt din il-konsenja kkontrollata jghid li peress li kien qal lill-habib tieghu li ma kellux flus, il-habib tieghu ghaddielu *leaflet* biex imur fil-lukanda fejn kien ser ikun hu. Jghid li ghaddewlu wkoll mitejn dollaru ghal-lukanda. Meta gie mfakkar

mill-Prosekuzzjoni li kien jinsab taht gurament, ghad-domanda min ghaddielu l-karta u l-flus li qed isemmi, wiegeb li kien Rafael. Meta rega' gie mfakkar li jinsab taht gurament (kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mill-Qorti u li jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu jekk jirrizulta li mhux qed jghid il-verita') qal li kien qed jghid il-verita'. Mistoqsi jghid kif kienu spiccaw hemm il-kapsoli, wiegeb li persuna ohra kienet gabet basket, tah lilu (lil Gonzalez) u hu (Gonzalez) tefghu go dik il-kamra. Meta nghad lilu li fl-iStqarrija Guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli hu kkonferma li l-kapsoli li sabu l-Pulizija fil-lukanda kienu l-istess kapsoli li huwa kien eskreta, wiegeb: *"Le l-Magistrata meta gejt hawnhekk jien biex niddikjara l-iSpettur jien ma stajtx nohrog mill-iSptar ghax kelli naghmel operazzjoni u l-istess habib kien qalli ma stajtx nohrog mill-iSptar. L-iSpettur kellimni fuq xi persuna u li kelli nigi niddikjara hawn quddiem xi Magistrat. Meta wasalt u tkellimt mal-Magistrata, l-istess Magistrata qalet: "tista' tiddikjara iva jew?", u jien ghidtlu "Le", u l-istess Spettur qal lill-Magistrata: "jista' iva" u baqa' jinsisti u jinsisti"* (*a fol.* 223).

**Edgar Del Valle Yendes Gonzalez** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Frar 2017 (*a fol.* 238 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed minkejja li gie nfurmat li kellu dritt li ma jixhidx peress li seta' jinkrimina ruhu *stante* proceduri pendenti relatati. Gie mitlub biex jghid x'wassal ghall-arrest tieghu dakinhar tas-27 ta' Lulju 2015. Jghid li kien kera zewgt ikmamar u li f'wahda mill-kmamar kien hemm basket ta' habib tieghu bl-isem ta' Rafael kunjomu ma jafux u li hu gie arrestat minhabba f'hekk. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, fil-*mobile* tieghu fil-*messenger* tal-Blackberry kien jinsab mnizzel bhala "is-sinjur tas-sema". F'dan l-istadju gie nfurmat li kienet ser tinqaralu lilu l-iStqarrija Guramentata rilaxxata minnu quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli, li giet rilaxxata wara li hu kien irrilaxxa stqarrija fid-29 ta' Lulju 2015 waqt li hu kien rikoverat l-iSptar Mater Dei ghal liema stqarrija kien hemm l-iSpettur Cassar fil-prezenza ta' PS 518 u l-interpretu Imelda Fede.

> <u>[Qari tal-iStqarrija Guramentata (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21)]</u>: Mistoqsi jghid fl-iStqarrija Guramentata jekk jifhimx lill-interpretu, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid fl-iStqarrija

Guramentata jekk fehemx it-twissija li kien ghadu kemm qralu l-iSpettur Jonathan Cassar, wiegeb fl-affermattiv. Mitlub jikkonferma fl-iStqarrija Guramentata li l-iSpettur Cassar kien tah id-dritt li jiehu parir legali li Gonzalez irrifjuta u li hu anke gie moghti wkoll karta bid-drittijiet tieghu t'arrest, fl-istqarrija hemm li wiegeb fl-affermattiv pero' quddiem il-Qorti Gonzalez interrompa u qal li huwa kien talab avukat u qal: *"Int ghamiltli d-domandi, ghalija ma kienx statement dak li kont qeghdin tohduli l-isptar, ghalija kienu domandi u risposti"* (*a fol.* 239). Jghid ukoll: *"Le meta inti ghamiltli d-domandi l-isptar, wara d-domandi inti gibtni hawn il-Qorti minghajr l-ebda awtorizzazzjoni ghax jien kont qieghed taht medikament. L-istess gurnata meta hu qalli jigifieri inti ghidtli li kelli nigi nixhed, il-Magistrata lilek qaltlek li jien ma stajtx nixhed minhabba sitwazzjoni ta' kif kont. Tiftakar int, tiftakar sew. U hawnhekk ghandi dokument mill-iSptar minn ghand it-tobba fejn huma stess qeghdin jghidu li jien ma stajtx nohrog minn hemm u li ma stajt naghmel l-ebda dikjarazzjoni"* (*a fol.* 239). Ezebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "EG 1" (*a fol.* 248 *et seq.*). Hawnhekk kompliet tinqara' l-iStqarrija Guramentata rilaxxata minnu, fejn meta gie mistoqsi rigward id-dritt tal-avukat, l-iSpettur jghid li hu (Gonzalez) wiegeb fl-affermattiv. Hawnhekk ix-xhud quddiem il-Qorti qal li dak iz-zmien lanqas biss jiftakar u jghid li kien ghaddej taht trattament, jghid li jiftakar li l-iSpettur kien staqsieh xi domandi u kien ha xi ritratti. Jixhed quddiem il-Qorti: *"Qed nghid llum quddiemek u quddiem is-Sur Magisttat u meta wrejtni r-ritratti jien ghidltek "ma nafx min hi dik il-persuna""* (*a fol.* 240).

F'dan l-istadju kompliet tinqara l-iStqarrija Guramentata fejn meta gie mistoqsi jghid x'jahdem, wiegeb li huwa kantant. Ghad-domanda b'liema lingwi jitkellem u jifhem fl-istqarrija wiegeb li jifhem bl-iSpanjol u ftit bl-Ingliz u ftit bil-Portugiz. Quddiem il-Qorti qal: *"Din xi haga ohra li nixtieq nghid, ma stajtx inghid li naf ftit bl-Ingliz, jien issa naf ftit Ingliz. Kieku kont naf nitkellem bl-Ingliz ma kienx ikolli bzonn l-interpretu"* (*a fol.* 240). Jghid li gie Malta fuq titjira minn Brazil ghal Ruma u minn Ruma ghal Malta. Ghad-domanda kemm kien ser idum Malta, fl-istqarrija wiegeb li l-biljett kien ghal hmistax il-

gurnata. Qal li gie wahdu. Ikkonferma li gie wahdu u li ma kien hemm hadd jakkumpanjah. Ghad-domanda fl-istqarrija ghala gie Malta, wiegeb li hu gie biex igib id-droga. Quddiem il-Qorti jghid li huwa qatt ma qal li kien ser igib id-droga u jistaqsi f'liema mument qal din. Mistoqsi mill-Qorti x'inhi r-raguni ghala gie Malta, wiegeb li peress li hu muzicist u kantant jghid li gie biex ikanta u mistoqsi jghid jekk giex bhala *entertainer* fuq *cruise ship*, wiegeb fl-affermattiv. Kompliet tinqara l-istqarrija: fl-iStqarrija Guramentata kkonferma li l-kmamar 131 u 132 kienu registrati fuq ismu u jghid li telaq mill-Venezwela, kellu jigbor id-droga mill-Brazil, u jghid li d-droga ma jafx x'kienet. Fl-istqarrija jghid li ghamel tlitt ijiem il-Brazil u jghid li kellu jittrasporta d-droga ghal Malta billi jibla' l-kapsoli, jigi bihom Malta u jghaddihom lill-persuna li taghmel parti minn grupp tal-mafja tal-Brazil. Quddiem il-Qorti, jichad. Jghid: *"Mela l-iSpettur kien gie bejn wiehed u iehor fis-sitta ta' wara nofsinhar kien staqsieni jekk kienx hemm persuna ohra mieghi f'dawn il-kmamar u jien ghidtlu "le dawk jien krejthom". Imbaghad hu staqsini "min hija din il-persuna li ghidtli li dawn l-affarijiet huma taghha?". Hemm il-camera li jistghu jivverifikaw u jaraw jekk hux vera hemmx persuna ohra u jien wegibtu lill-iSpettur ghidtlu: "le jiena ma ghidtx hekk, jien ghidtlek li l-persuna ghandha tigi". Imbaghad hu qalli: "imma jien irrid inkun naf min hi din il-persuna", qalli: "jista' jkollok kuntatt maghha?" u jien hemmhekk ghidtlu: "iva". Imbaghad qalli: "int taf x'sibna fil-kamra l-ohra?". U jien ghidtlu: "iva bagalja basket" u hu qalli: "basket u anke hemm xi droga li qed nissusspettaw li hija droga"* (*a fol.* 241).

Fl-istqarrija gie mistoqsi jghid kemm bela kapsoli u quddiem il-Qorti qal li c-cavetta tal-kamra l-ohra qatt ma kienet f'idejh u li dejjem kienet f'idejn ir-*receptionist*. Ghad-domanda kemm bela kapsoli, fl-istqarrija wiegeb li ma jafx ezattament u jghid li gie mqajjem f'nofs ta' lejl, kien nofsu rieqed, tawh u beda jibla. Quddiem il-Qorti jghid li hu ma gabx kapsoli u jghid li lilu qatt ma qabduh bil-kapsoli u jghid li lilu qatt ma wreh id-droga fil-kamra. Jghid li rieduh jiffirma dokument fejn jghid li d-droga kienet tieghu pero' huwa qatt ma ried jiffirma dan id-dokument.

Ghad-domanda fl-iStqarrija Guramentata jekk kienx jaf li l-kapsoli li bela kienx fihom droga illegali, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid fl-istqarrija kemm jahseb li bela kapsoli b'kollox, bejn wiehed u iehor, wiegeb madwar hamsin jew sittin. Jghid li kienu tawh aktar pero' ma kienx belaghhom kollha u jghid li ghamel *toilet* u ghadda minnhom il-Brazil u ma regax belaghhom. Mistoqsi quddiem il-Qorti x'jghid fuq din, qal li dan huwa gideb. Fl-iStqarrija Guramentata meta gie mitlub jghid x'ghandu xi jghid rigward il-fatt li l-Pulizija fil-gwardarobba tal-kamra 131 sabu mgezwrin go xugaman erba' u sittin (64) kapsola bil-kokajina, wiegeb li jista' jkun. Jghid li huwa kien jaf bil-basket. Fl-istqarrija, meta mitlub jikkonferma li l-kapsoli li sabu l-Pulizija huma l-istess kapsoli li huwa bela, wiegeb fl-affermattiv. Quddiem il-Qorti, jichad li hu gab xi kapsoli. Fl-istqarrija gie mistoqsi f'kaz li l-Pulizija ma kinitx tarrestah x'kien jaghmel, fl-istqarrija wiegeb li kellu *option* li jmur fil-lukanda li kienu baghtuh huma li hija San Gorg u jghaddihomlu, pero' jghid li dik l-*option* ma hadhiex u ghazel li jmur go lukanda ohra u jarmihom. Quddiem il-Qorti qal: *"Le mhux vera, lanqas biss naf biha dik il-hotel lanqas qatt ma naf b'San Gorg"* (*a fol.* 242). Fl-istqarrija gie mistoqsi jghid kif jispjega li l-Pulizija sabuhom u fl-istess stqarrija wiegeb li s-siehba tieghu kienu ssekwestrawha dawn in-nies u malli saru jafu li wasal Malta, irrilaxxawha pero' qal li kienu ghadhom josservawha sakemm jghaddi l-pakkett. Quddiem il-Qorti qal: *"Dak vera imma dak wara li jien bdejt nikkoopera mal-Pulizija"* (*a fol.* 242). Qal quddiem il-Qorti: *"Hu kien ghamilli weghda li jekk kont ser nikkoopera maghhom ma kienx ser ikolli problemi minhabba l-familja tieghi. U sallum wara sentejn tlift il-familja tieghi. Il-familja tieghi kellha titlaq go pajjiz iehor u […] jekk jien fil-verita' tlift lill-familja tieghi u m'ghandi xejn f'dan il-mument, m'ghandi xejn x'nitlef u minhabba u t-tort ta' dik il-persuna li hi gabet id-droga u dahhlitni f'din il-bicca xoghol. Jekk jien ghandi nakkuza lil xi hadd, jekk hawn xi hadd hawnhekk, jien kieku kont nakkuzah ghax irrovina l-familja tieghi u rrovina l-familja tieghu"* (*a fol.* 242). Quddiem il-Qorti jghid li l-unika persuna li ra anke fir-ritratt kien Rafael u quddiem il-Qorti jghid li lill-

iSpettur kien qallu li kien jaf fejn jinsab dan Rafael pero' jghid li l-iSpettur qatt ma qallu biex imorru jfittxuh. L-istqarrija kompliet tinqara: mistoqsi ma' min kellu kuntatt barra minn Malta, fl-istqarrija wiegeb ma' Michael tal-mafja li fuq il-*mobile* kien imnizzel bhala "El Duro". Ghad-domanda fl-iStqarrija Guramentata jekk lil El Duro kienx hemm xi hin li qallu li ha jarmihom, wiegeb fl-istqarrija lit-tielet *option* kienet li jarmihom u jisparixxi. Fl-istqarrija jghid li beza' ghax jaf kif jahsbu dawn tal-mafja ghax jibghatu aktar minn persuna hawnhekk, jghid kif setghu jaraw huma l-bierah. Ghad-domanda fl-istqarrija jekk huwa kienx ser jisparixxi meta kien jaf li t-tfajla tieghu kienet fil-periklu, fl-istqarrija wiegeb li hu kellu kuntatt ma' El Duro u mat-tfajla u kien qed jistenna l-*go ahead* taghha li tghidlu li rnexxielha titlaq minn Karakas ghal San Kristobal li jinsab qalb il-muntanji. Ghad-domanda fl-istqarrija min hallaslu l-biljett tal-ajru, wiegeb li kollox halsulu huma u li xoghlu kien biss li jghaddi d-droga. Mistoqsi quddiem il-Qorti x'ghandu xi jghid, wiegeb li El Duro huwa l-habib ta' Rafael pero' jghid li ma kienx jaf li ghandu x'jaqsam mal-mafja. Jghid quddiem il-Qorti: *"Hu kkuntattja lil habib tieghi u qallu li jien kont qieghed diga' hawnhekk ghax hu kien qieghed il-Venezwela u mbaghad Rafael kien beda jikkomunika mieghi ghax kien jaf li kont qieghed hawnhekk"* (*a fol.* 243). Quddiem il-Qorti jghid li Rafael kien tah mitejn u hamsin meta l-Pulizija kienu qeghdin hemmhekk u Rafael tahomlu barra. Fl-istqarrija gie mistoqsi jghid kemm il-darba ghamel din il-haga, fejn wiegeb li kienet l-ewwel u l-ahhar darba. Quddiem il-Qorti cahad li qal hekk. Mistoqsi mill-Qorti x'kien qal, wiegeb: *"Jien qatt ma ghidt l-ewwel u l-ahhar darba fil-fatt li ngib id-droga, jien kont qed nghid fil-fatt li jidhol li kien kelli l-komunikazzjoni mal-persuna l-ohra x-xoghol li kelli mal-persuna l-ohra mhux ghar-rigward tad-droga"* (*a fol.* 244). Fl-istqarrija gie mistoqsi jiddeskrivi l-persuna li tah id-droga, hu wiegeb li kien wiehed iswed u muskoluz, b'xaghru mqaxxra u jghid li kien Nigerjan. Quddiem il-Qorti qal li din hija vera pero' qal li l-persuna kienet qeghda hawn Malta, cioé dik li tatu l-bagalja. Fl-istqarrija gie mistoqsi jghid jekk jafx ma' min kellu jiltaqa' hawn Malta fejn wiegeb fin-negattiv u qal li kellu

joqghod attent ghal kuntatti taghhom u jghid li tawh numru biex icempel bl-ordni li mit-triq kellu jaghmel hekk, pero' n-numru ma jafx fejn qieghed. Quddiem il-Qorti qal: *"le li niftakar li kont tkellimt lill-iSpettur din il-bicca xoghol qatt"* (*a fol.* 244). Ikkonferma fl-istqarrija li xtaq jghin f'konsenja kkontrollata f'liema stqarrija qal li huwa Pulizija fil-pajjiz tieghu. Quddiem il-Qorti qal: *"Iva"* (*a fol.* 244). Fl-istqarrija kkonferma li kien ftiehem li jiehu sehem fil-konsenja kkontrollata u mistoqsi fl-istqarrija ma' min beda jaghmel kuntatt, wiegeb li kien qed jaghmel kuntatt ma' El Duro u iehor jghidilu "is-sinjur tas-sema" b'sistema jghidulha Ping, li jghid li huwa metodu li juzaw huma ghax jekk thassar m'hemmx cans li ggibu lura. Quddiem il-Qorti kkonferma li kien tkellem ma' El Duro u jghid li kien qallu x'kien qallu Rafael u qal li qallu biex jikkoopera biex il-persuna tinqabad. Ikkonferma fl-istqarrija li kien qed jaghmel kuntatt b'*mobile* li gie muri. Quddiem il-Qorti kkonferma li kien qed jaghmel kuntatt fuq il-*mobile* pero' qal li ma jiftakarx x'marka kien. Fl-istqarrija gie mistoqsi x'inhu l-*mobile* l-iehor tad-ditta Motorola li kellu u li ma kienx jahdem u fl-istqarrija wiegeb li dan kien hadem gol-Brazil u li hawn ma bediex jahdem u li huwa *mobile* li tawh huma. Quddiem il-Qorti jichad li dan tawhulu huma.

Kompliet tinqara l-istqarrija fejn ghad-domanda jekk waqt il-konsenja kkontrollata fit-28 ta' Lulju 2015 kellux kuntatt fiziku ma' xi hadd, wiegeb fl-affermattiv u qal li mas-sinjur tas-sema u habib tieghu li ma jafx min hu. Quddiem il-Qorti mitlub jikkonferma jekk qalx hekk, jichad u jghid li l-uniku kuntat li kellu kien ma' Rafael. Jghid quddiem il-Qorti li kien hemm tnax-il Pulizija li kienu qeghdin madwarhom u jghid li dawn jistghu jghidu li hu (Gonzalez) qatt ma kellu kuntatt. Fl-istqarrija gie mistoqsi jghid jafx jekk il-Pulizija arrestaw persuna u fl-istqarrija jidher li wiegeb fl-affermattiv fejn qal li dan kien wiehed milli rawh maghhom. Mistoqsi fl-istqarrija jafx x'kien libes dan il-persuna, wiegeb li ma jiftakarx pero' jghid li jaf li huwa minn Domenican jew mill-Puerto Rico. Mitlub fl-istqarrija jghid jekk jaghrafx lil dan li gie arrestat

jekk jarah, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi fl-istqarrija jekk dawn iz-zewg persuni tawhx xi haga, wiegeb li dak li arrestaw tah mitejn u hamsin Euro (€250.00) u dana peress li f'messagg minnhom hu (Gonzalez) kien bla flus. Fl-istqarrija jghid li l-arrestat kien tah karta b'indirizz ta' Hotel li ma jiftakarx x'jismu. Meta gie muri fl-istqarrija karta li fuqha ghandha stampata "Imperial Hotel" u mitlub jekk jaghrafhiex, wiegeb fl-istqarrija li kien qed jaghrafha u li dik tahielu l-arrestat. Quddiem il-Qorti, jghid: *"Rafael lili tani qisu flyer karta bil-flus ghax l-iSpettur lili kien qalli biex nghid lil habib tieghi li inti m'ghandekx flus u mill-hotel qed jghidulek biex tohrog, ghidlu li ghandek bzonn il-flus biex tikri lukanda ohra. Hu gie mieghi gie u tani l-flus. U kien dak il-hin li kien tani din il-karta ukoll dan il-fuljett. U li rrid nghid hu dan dak li ghiditlhom jien ghax huma qatt ma raw x'tani. Jien infatti kont ghidt lil Oscar bil-lejl, infatti tani din il-persuna Rafael tani mitejn u hamsin Euro (€250.00), jien ma niftakarx ezattament kemm kelli flus, kelli xi sitt mija (600) xi haga hekk Euro, li niftakar hu li l-Pulizija kien talabni: "nistghu nuzaw dawk il-mitejn u hamsin Euro (€250.00) li tak biex immorru nikru lukanda ohra?". U l-istess Spettur lili kien qalli li meta jien kont ser nidhol il-habs kien ser jaghtini l-flus tieghi lura u issa qed jghid li dawn huma flus ta' xi evidenza meta dan huwa kollu gideb"* (*a fol.* 245-246). Tkompliet tinqara l-istqarrija fejn meta gie mistoqsi jghid jekk barra li ghaddewlu xi affarjiet jekk kienx hemm xi hadd li kellmu, fl-istqarrija wiegeb fl-affermattiv u fejn qal li l-iehor li ma giex arrestat qallu fejn imur u semmielu pakkett u merkanzja u qallu gol-McDonald's biex ma jaghtihomlomx hemmhekk peress li kienu qeghdin segwiti. Quddiem il-Qorti qal: *"Hu qalli biex imorru l-McDonald's biex nieklu u minn hemm meta bdejna nimxu ghal dawk in-nahat. U ghalhekk kien tani dan il-fuljett ghax kien qalli kont sejjer go post iehor u hu ghalhekk tani l-flus biex inkun nista' naqbad hotel u mmur fil-lukanda fejn kien qieghed hu. Imma mbaghad issa dak li qed nahseb jien hu harab u l-Pulizija kienu qeghdin hemmhekk, jien lill-Pulizija bdejt nghidilhom li ma nafx jekk fehmuniex, bdejt nghidilhom: "dak qed jahrab, dak qed jahrab". Bdejt nipprova nikkomunika ghax jien ma nafx nitkellem. Hu telaq hemmhekk, waqaf kollox u l-iSpettur qalli: "issa nkompluha din il-bicca xoghol" u qalli: "naghmluha llejla u nikru lukanda ohra".*

> *Imbaghad Rafael kien cempilli lura u kien qalli: "inti tkellimt ma' xi Pulizija jew xi haga hekk?". U jien ghidtlu: "lanqas naf x'inti tghidli""* (*a fol.* 246). Fl-istqarrija Gonzalez gie muri ritratt immarkat bhala Dok. "EG" li fih jidher persuna maskili bil-qieghda liebsa flokk ahdar, fejn gie mitlub jghid x'ghandu xi jghid dwaru, u quddiem il-Qorti wiegeb: *"Iva dan hu r-ritratt li kien urieni u jien wegibtu li lanqas naf min hi din il-persuna. U wrejtni wkoll ritratt iehor li kien qisu bin-nuccali u jien ghidtu: "iva dak Rafael""* (*a fol.* 246). Bhala twegiba ghal dan ir-ritratt, fl-istqarrija qal: *"Dak hu li arrestajtu intom u li tani l-flus l-karta"* (*a fol.* 246). Quddiem il-Qorti qal: *"Ma jistax ikun, jien ma kontx naf li huma kienu arrestaw lil din il-persuna. Kif nista' nkun naf?"* (*a fol.* 246).

**Edgar Del Valle Yendes Gonzalez** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Frar 2017 (*a fol.* 252 *et seq.*) fejn ghazel li jkompli jixhed minkejja li rega' gie nfurmat li kellu l-ghazla li ma jixhidx peress li kien hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

> <u>[Qari tal-iStqarrija Guramentata (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21)]</u>: Hawnhekk kompliet tinqara l-iStqarrija Guramentata tieghu fejn gie mitlub jghid x'ghandu xi jghid wara li gie muri erba' ritratti (Dok. "EG 1" sa Dok. "EG 4" ta' persuna bi flok skur fejn f'ritratt Dok. "EG 3" u Dok. "EG 4" qieghed liebes nuccali). Fl-istqarrija wiegeb li peress li r-ritratti mhux cari ma kienx mija fil-mija cert pero' jghid li jixbah hafna li dak li talbu l-merkanzija u li huma ma qabdux. Meta gie muri tliet ritratti Dok. "EC 3" u gie mistoqsi quddiem il-Qorti, jghid li dawn kienu li huwa li gie muri kif semma fl-istqarrija. Quddiem il-Qorti qal: *"Bhal ma ghidtlek l-ahhar darba Sur Magistrat din il-persuna poggiet hdejja kien Rafael li tani l-karta u l-flus lili. Meta l-iSpettur kien urini r-ritratt ta' Rafael ikkonfermajtulu li: "iva dak hu""* (*a fol.* 253). Fl-iStqarrija Guramentata qal: *"Waqt li konna ir-Rokna nistenna l-messaggi ircevejt messagg minn ghand El Duro bid-deskrizzjoni ta' min gej wiehed samrani u twil, bla xaghar u fih tifel li filfatt kien. Nixtieq inzid li wara li arrestajtu lil dak li tani l-flus u l-karta li gharaft fit-ritratt dak li harab beda jibghatli, jsaqsini x'gara minn siehbu u*

*biex ma nilghabux mal-Pulizija u staqsieni siehbu jigifieri dak li arrestat kemm kien ghaddieli flus"* (*a fol.* 22 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21). Quddiem il-Qorti xehed: *"Le is-sinjur Rafael li tani l-karta u l-flus. Rafael kellu jigi biex jiehu l-bagalja mill-Hotel. L-iSpettur qalli biex jigi l-hotel u biex nibqa' nghidlu: "isma hares dawn qed ikeccuni u m'ghandhiex flus". Dan kollox kien fir-reception u hemm il-camera u kollox jidher"* (*a fol.* 253). Kompliet tinqara l-istqarrija fejn gie mistoqsi jghid ghala beda tiela' l-fuq u l-isfel qabel u wara li dahal il-McDonald's u wiegeb li huma qalulu biex jaraw jekk xi hadd minnhom kienx qed isegwi lilhom. Quddiem il-Qorti xehed: *""Huma" jien qatt ma semmejt il-kelma "huma", dan l-iSpettur qed jghid "huma", lili wiehed minnhom kien staqsini jekk irridx niekol il-McDonald's. Hawnhekk f'dan l-istatament l-iSpettur qal li kienet controlled delivery u jekk kienet controlled delivery ghalfejn jien kont bdejt nimxi erba' toroq wahdi ma' dan il-habib tieghi?"* (*a fol.* 253). Fl-istqarrija, ghad-domanda kemm kellu jaqla' flus ghal din il-bicca xoghol, wiegeb li hu ma kien ser jaqla' xejn u li jahlef li dan ix-xoghol ghamlu ghax kienu ssekwestrawlu l-mara. Quddiem il-Qorti qal: *"Persuna li taghmel din il-bicca xoghol bilfors tkun ghamlitha ghall-familja taghha u mhux ghall-flus. L-iSpettur mal-ewwel ghidtlu b'din il-bicca xoghol. U l-iSpettur stess qalli biex nikkollabora u nghinu u li hu kien ser jiehu hsieb il-familja tieghi. Ma kontx naf f'liema sitwazzjoni kont ser niffacja"* (*a fol.* 254).

Kompliet tinqara l-iStqarrija Guramentata fejn gie mistoqsi jghid jekk huwa jabbuzax minn xi droga u wiegeb fin-negattiv. Fl-istqarrija meta gie mistoqsi jghid jekk il-persuna li kien jaf li arrestaw il-Pulizija u l-iehor li talbu l-merkanzija jekk kienux flimkien, wiegeb: *"Iva rajthom dejjem flimkien u tkellmu. Meta nzilt mir-Rokna biex niltaqa' maghhom kienu flimkien u qaluli biex ma npoggiex hdejhom. Gharfuni mill-ewwel ghax bl-Ispanjol mill-ewwel kellmuni. Li m'arrestajtux tal-merkanzija qalli hekk: "biex ma npoggix fil-mejda taghhom u noqghod faccata""* (*a fol.* 23 ta' Dok. "CF 1" - *a fol.* 21). Mistoqsi mill-Qorti x'ghandu xi jghid dwar dan, qal: *"Meta jien hrigt niltaqa' mieghu r-Rokna Hotel, jien kont qed nitkellem mieghu u ma kien hemm l-ebda persuna, qatt ma kien hemm*

*persuna ohra maghha. Hemm il-Pulizija li kienu qeghdin hemmhekk, kien hemm il-Pulizija kollha li hadu xi ritratti. Ghax jien rajthom"* (*a fol.* 254). Kompliet tinqara l-istqarrija fejn gie mistoqsi jghid fejn tahomlu l-flus u l-karta, fejn wiegeb: *"Meta hrigt mill-McDonalds"* (*a fol.* 23 ta' Dok. "CF 1" - *a fol.* 21). Quddem il-Qorti qal li din hija gidba peress li dak li hemm miktub huwa hazin. Quddiem il-Qorti xehed: *"Jien ghidltek l-ahhar darba Sur Magistrat, meta l-iSpettur ghaddini go hotel ohra, meta jien ghidtlu li jien ha nikkolabora, ha nghin ghax is-Sinjur Rafael beda jibghatli xi messaggi, fejn beda jheddini, dak kien wara meta ghaddewni fil-Hotel Alexandra. U jien dak il-hin il-Pulizija ghidtlu fuq il-flus u fuq il-karta u minn dawk il-flus kienu hallsu parti mil-lukanda mil-kirja tal-lukanda"* (*a fol.* 254).

Kompliet tinqara' l-istqarrija fejn meta gie mistoqsi jghid x'ghamel fil-hin li kien qed jittiehed l-iSptar mal-Pulizija sabiex jittiehed *x-ray* tal-istonku, fl-istqarrija wiegeb li pprova jahrab ghax qalulu li huma ma kienux Pulizija imma nies tal-mafja ta' dan ic-cirku. Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar dan mill-Qorti, wiegeb li meta Rafael beda jheddu, hu (Gonzalez) haseb li l-Pulizija kellhom x'jaqsmu ma' Rafael peress li kien hemm dawk il-Pulizija kollha u harbilhom minn taht ghajnejhom u b'hekk hu ssopona li dawn ma kienux Pulizija imma kienu nies jahdmu ma' Rafael. Ghad-domanda fl-istqarrija, min qallu hekk, jidher li wiegeb: *"General li kellimni bit-telefon waqt li konna l-Alexandra Hotel"* (*a fol.* 23 ta' Dok. "CF 1" - *a fol.* 21). Ghad-domanda fl-istqarrija, x'zammu milli jahrab, fl-istqarrija wiegeb li wara li hareg mill-vettura u telaq jigri, waqa' qisu minn xi pont u wegga'. Quddiem il-Qorti qal li jiftakar li wara kien kellem lil Imelda Fede u kien staqsieha jekk dawk kienux vera Pulizija kif seta' dan il-persuna harab u li wara jumejn haduh l-iSptar ghal *x-ray* u dak il-hin hu (Gonzalez) staqsa ghala ma ttehidtx mal-ewwel jaghmel l-*x-ray* u mhux wara gurnata u nofs. <u>F'dan l-istadju l-Qorti fakkritu li jinsab taht gurament u li anke meta rrilaxxa l-iStqarrija Guramentata kien taht gurament u li jekk jirrizulta li ha gurament falz jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu</u> (*a fol.* 255).

Quddiem il-Qorti qal: *"Tista' ticcekja u tivverfiika. Meta kienu tawni lill-avukat u konna gejna hawnhekk, l-iSpettur mar jghid lill-avukat illi jien kont ser niddikjara ruhi hati meta dan ma kien veru xejn. U meta mbaghad l-iSpettur il-Magistrat qaltlu li dan ma jistax isir ghax hu ma kienx l-iSpettur li kien qed jiehu hsieb il-kaz tieghi"* (*a fol.* 255). Kompliet tinqara l-istqarrija fejn hemm domanda jekk xtaqx izidx xi haga ohra mal-istqarrija u t-twegiba jidher li kienet: *"Nikkonferma li dan ghamiltu biss minhabba l-hajja tal-familja tieghi ghax gejt mhedded. Ghandi x-xhieda jistghu jixhdu dan, il-partner tieghi. Kulma tlabtuni li naghmel ghamilt. Jien hati ta' dak li ddikjarajt. Kunu ghafu li ma kelli l-ebda ghazla"* (*a fol.* 23 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21). Quddiem il-Qorti qal: *"Iva dak hu dak li ghidt dan kien wara, wara li baghtli l-messaggi meta jien ghidtilhom hares lill-Pulzija imma jien qatt ma tkellimt fuq persuna ohra, tkellimt biss fuq Rafael u qatt ma semmejt li jien gibtha d-droga. Dawn jistghu jiccekkjaw, jivverifikaw kollox, ritratti l-iSpettur ghandu xi ritratti, hwejjeg ta' Rafael stess gol-bagalja u c-cwievet li tajt lir-reception dakinhar stess. Jekk allura jien kont naf li kienet droga, kif jista' jkun li kont naf li hija droga meta jien, min hi din il-persuna li ha thalli go kamra sitt sieghat wahedhom droga wahedha hemmhekk u titlaq sitt sieghat barra ddur!"* (*a fol.* 256).

Kompliet tinqara l-istqarrija fejn gie mitlub jghid jekk kienx lest li jikkonferma l-istqarrija bil-gurament wara li gie nfurmat li jista' jaghti l-kaz li jixhed kontra xi hadd u fl-istqarrija hemm miktub li wiegeb fl-affermattiv. Quddiem il-Qorti qal li hu qatt ma qal dak il-kliem. Mistoqsi mill-Qorti x'qal meta gie mistoqsi dik id-domanda, wiegeb li qal li ried l-avukat tieghu. Jinghad lilu mill-Qorti li fl-ahhar tal-istqarrija hemm miktub li jiddikjara li din l-istqarrija ghamilha hu volontarjament minghajr theddid jew biza', weghdiet jew twebbil ta' vantaggi, li hija l-verita' u wara li giet moqrija lilu mill-iSpettur Jonathan Cassar tradotta minn Imelda Fede stqarr li ma ried izid jew inaqqas jew ibiddel xejn minnha u ghazel li jiffirmaha. Quddiem il-Qorti qal li dan huwa gideb u li dak li ghamel l-iSpettur Cassar fil-konfront tieghu kien li kisirlu d-drittijiet umani u jghid li hu (Gonzalez) ghinu u mar kontra l-volonta' tieghu u kontra l-

> familja tieghu. Meta gie muri stqarrija Dok. "JC 1" (*a fol.* 7 *et seq.* ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21) u mitlub jghid jekk jaghrafx il-firma tieghu, wiegeb fin-negattiv. Mitlub jiccekkja l-pagni kollha, wiegeb li dik mhux il-firma tieghu u jghid: *"hares lejn din il-firma hares lejn l-ohra dik zgur m'hijiex il-firma tieghi"* (*a fol.* 257). Meta gie muri *a fol.* 7 ta' Dok. "CF 1" (*a fol.* 21) fejn hemm ismu fin-nofs bejn isem l-iSpettur Cassar u PS 518 Anthony Degiovanni, mistoqsi jghid jekk jafx ta' min hi l-firma li hemm fl-ispazju fuq ismu, wiegeb fin-negattiv. Jixhed: *"Fejn hemm il-firem qeghdin vojta imma hu ghamel firma bil-lapes li qed jghid li hija l-firma tieghu"* (*a fol.* 257).

Ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni jekk huwa tax stqarrija lill-Pulizija waqt li kien l-iSptar Mater Dei, wiegeb li huwa qatt ma ta stqarrija. Ghad-domanda jekk il-Pulizija qattx kellmuh l-iSptar Mater Dei, wiegeb li kkelmuh pero' jghid li qatt ma semmewlu li kien qed jaghmel stqarrija peress li kieku qalulu li kien ser jaghmel stqarrija kien jitlob ghall-avukat. Ma jiftakarx min kien hemm prezenti waqt dan il-hin. Mistoqsi jghid b'liema lingwa tkellem mal-iSpettur jghid li tkellem *tramite* l-interpretu Imelda Fede. Ma jiftakarx jekk kienx hemm aktar persuni prezenti. Jghid li, sa fejn jaf hu, ma kien hemm hadd u li hu kien staqsa lill-interpretu fejn kien l-avukat tieghu u li l-iSpettur kien qallu li ma kellux bzonn avukat. Mistoqsi jghid jekk waqt li beda jitkellem mal-iSpettur, jekk l-iSpettur bediex jaghmel xi haga, wiegeb fin-negattiv u qal li kien qed jistaqsieh id-domandi u xejn aktar. Jghid li jiftakar li fit-3.00am kellu dak l-incident u kien mkisser u ma setghax jiccaqlaq. Jghid li lilu ma ghamillux dawk id-domandi ezatt li gew moqrija lilu u jghid: *"hu staqsieni tnejn, tliet domandi biss rigward Rafael u persuna ohra"* (*a fol.* 258). Ghad-domanda: *"allura d-domandi li sarulek mill-Qorti, bhala domanda mhux bhala kontenut, id-domanda ma saritx waqt dik l-istqarrija?"* (*a fol.* 258), wiegeb: *"Le dan qabad u immeccjhom mal-kaz x'kien gara u ma garax hu stess. Jien zgur li ma kontx ser nirrispondi b'dikjarazzjoni tieghi hekk din il-kwalita'"* (*a fol.* 258). Ghad-domanda: *"Jigifieri din l-istqarrija inti fl-ahhar qed tghid li ma gietx moqrija lilek mal-interpretu li kienet prezenti?"* (*a fol.* 258), wiegeb li ma jiftakarx. Ghad-domanda: *"Jigifieri ma tiftakarx ma jfissirx li ma saritx mela hux hekk?"* (*a fol.* 258), wiegeb: *"Ma nafx. Li niftakar jien dakinhar bir-*

*ritratti"* (*a fol.* 258). Mitlub jghid jekk jaqbilx li wara hu gie mitkellem mill-Magistrat u li l-istqarrija regghet giet moqrija jew giet moghtija quddiem Magistrat, wiegeb: *"Le mhux hekk"* (*a fol.* 258). Mistoqsi mill-Qorti jekk jiftakarx li kien deher quddiem Magistrat mara, wiegeb li jiftakar u li *"l-Magistrata stess kienet qaltli li jien ma stajtx nixhed bil-kundizzjoni li kont u talbet hi stess lill-iSpettur biex jghajjtu lil tal-ambulanza. Kienet mara"* (*a fol.* 259). Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk xehedx quddiemha jew le, wiegeb: *"Le. Sa fejn niftakar jien le"* (*a fol.* 259). Ghad-domanda mill-Qorti, ghall-ewwel qal li ma xehedx u mbaghad qal li sa fejn jiftakar, wiegeb: *"Le irrid nghid li huwa le li ma xehedx le. Ma xehedx jien quddiem il-Magistrata ma tkellimtx"* (*a fol.* 259).

**Edgar Del Valle Yendes Gonzalez** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 268 *et seq.*) fejn ghazel li jkompli jixhed minkejja li kellu dritt li jaghzel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu. Gie mistoqsi ghala fis-27 ta' Lulju 2015 gie arrestat u kif gie arrestat. Jghid li huwa gie arrestat hu u diehel fil-kamra u li huma kienu qeghdin gewwa l-kamra u arrestawh *"ghax huma qaluli li jien nissoponi li ghax minhabba li kien hemm kamra ohra li kienet mikrija ukoll fuq ismi huma qalu li sabu d-droga"* (*a fol.* 268). Mitlub jghid x'ghandu xi jghid dwar li l-Pulizja kienu accennawlu li nstabu ammont ta' kapsoli suspettati li jikkontjenu droga f'kamra mikrija fuq ismu fir-Rokna Hotel u li hu *tramite* l-interpretu (peress li kien hemm divergenza fil-lingwa) qabel li jassisti lill-Pulizija f'konsenja kkontrollata sabiex jinqabad il-persuna li kellha tigbor id-droga, wiegeb li hu kien ghamel *deal* mal-iSpettur Cassar u jghid: *"u inti taf id-deal li kien hemm bejnietna li ghal persuna, ghal habib tieghi, li f'ismu jien krejt il-kamra ghax jien ma kellix cavetta ta' din il-kamra u intom staqsejtuni: "Fejn qeghda c-cavetta l-ohra?". U mbaghad jien spejgajtlek li dik il-persuna kienet gejja biex tfittex dan il-basket"* (*a fol.* 269). Jghid li huwa kkoopera mal-iSpettur Cassar peress li jghid li l-iSpettur Cassar qallu li jekk ma jikkooperax mieghu kien ser jehel bejn hmistax u ghoxrin sena habs. Jghid li dan il-kliem qalulu fil-prezenza tal-interpretu. Ikkonferma li ghinhom fil-konsenja kkontrollata pero' jghid: *"Imma mhux kif qed tghid inti"* (*a fol.* 269). Mitlub jispjega x'gara waqt din il-konsenja kkontrollata li hu assista fiha, wiegeb: *"Jien lilkom ghidtilkom li jien kelli naghti basket u mhux*

*droga. Jien qatt ma semmejtlek droga. Jien ghidtlek li kelli naghti basket gewwa l-hotel u intom ghidtuli gewwa l-hotel: "Meta hu jasal aghtih il-basket""* (*a fol.* 269). Meta l-iSpettur Cassar irriferielu ghall-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija fid-29 ta' Lulju 2015 gewwa l-iSptar Mater Dei u mistoqsi jiftakarx min kien prezenti ghaliha, wiegeb: *"Le, inti ghidtli li kont ser issaqsini xi domandi fuq xi persuna li kontu intom arrestajtu. Qatt ma semmejtu xi haga ohra"* (*a fol.* 270). Mitlub jispjega x'gara meta huwa kien l-iSptar Mater Dei, jghid li kien hemm it-tobba qeghdin jimmedikawh u jaraw saqajh, hadulu xi ritratti ta' xi hames persuni li huma qalu li hu kellu kuntatt mieghu u hu qalilhom li anqas biss kien jaf min hi dik il-persuna. Mistoqsi mill-iSpettur Cassar jghid jekk kienx hemm xi hadd prezenti waqt li hu kien qed ikellmu u beda jghidlu l-affarijiet li Gonzalez qed jallega li qallu, wiegeb li ma jafx. Jghid li kellu anestezija u li kien mugugh u li kienu ghaddew madwar tliet sieghat mill-incident li kellu. Jghid li l-iSpettur kellmu bil-Malti u li hu ma jifhimx bil-Malti. Qal li kien hemm l-interpretu waqt li l-iSpettur beda jkellmu. Jichad li hemm il-firma tieghu fuq l-istqarrija (Dok. "JC 1" – *a fol.* 7 *et seq.* ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21) li ttiehdet fid-29 ta' Lulju 2015 f'Mater Dei u li ghaliha kien hemm prezenti l-interpretu Imelda Fede, PS 518 Anthony Giovanni u hu. Jixhed: *"Dak kollu li ghamilna, l-process kollu li ghamilna inti dejjem staqsejtni u kien hemm it-translator u bdiet issaqsini minn fejn gejt, huma ccekkjaw il-passaport, iccekkjaw il-biljetti. Jien li nista' nghid huwa dan li dak li ghandek hemmhekk huwa l-process li ghamilna ahna, qbadt u ktibtu ghax lili domandi ma ghamiltiliex. Jien qatt ma ghidltek lilek li jien gibt id-droga. Jien qatt ma ghidtha"* (*a fol.* 271).

Ghad-domanda tal-iSpettur jekk din l-istqarrija hijiex kongettura tieghu (tal-iSpettur), wiegeb fl-affermattiv. Jghid li huwa m'ghandu xejn x'jitlef. Jghid li tilef lill-familja tieghu u l-liberta'. Jixhed: *"tlift il-liberta' tieghi u jekk jien ghandi nghid xi haga biex naghti r-ragun lill-iSpettur u taqbdu kriminali jien naghti kieku ragun lilu, imma mhux ser naghtih ir-ragun biex jien ikolli xi haga fuq il-kuxjenza. U li tfajt gewwa persuna innocenti gewwa l-habs. Jien nista' naghmel ghoxrin, hamsa u ghoxrin sena gewwa l-habs imma jien irrid inzomm u nibqa' nghid li jien ghandi d-dinjita' tieghi. Jien ghidtlu lill-iSpettur min kienet il-persuna, hija dik il-persuna li hallejtu tahrab. U jien ghidtlek u ppruvajt ninnegozja mieghek biex nippruvaw ingibuha l-hawnhekk lill-persuna biex ingibuha biex inti tkun tista' tarrestaha. U inti dik il-haga ma ghamilthiex. Jien*

*miniex il-hati tal-izball li ghamilt int, mhux jien il-hati. U apparti min dan kiser ukoll ir-regolamenti umani ghax hu gabni hawnhekk, harigni minn go l-iSptar u jien kont mugugh hafna"* (*a fol.* 271). Mistoqsi jghid jekk jaghrafx lil xi hadd fl-awla, wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li meta l-iSpettur kellmu, wrieh ritratt partikolari ta' persuna fejn dan indikah bhala l-persuna li ghaddielu l-flus u karta. Mistoqsi min hi din il-persuna, wiegeb li dak hu l-habib tieghu Rafael. Jghid li jekk jiftakar sew gie muri hames ritratti, wahda persuna minnhom kellu kappell u hu (Gonzalez) qallu li ma jafux imbaghad urieh ritratt iehor li kien il-habib tieghu ma' min tkellem u hu qallu (lill-iSpettur) li dak kien il-persuna.

Mistoqsi jghid jekk jiftakarx li kienu marru quddiem Magistrat, ikkonferma. Jghid: *"Inti kont hadtni quddiem il-Magistrata, Magistrata mara, inti ghidt li kelli naghmel xi dikjarazzjoni quddiemha, u l-Magistrata kienet qaltlek li jien ma kontx fil-kondizzjoni li nista' naghmel din id-dikjarazzjoni. Int kont gibtni hawnhekk l-ewwel u kien hawn l-avukat tieghi prezenti hawn. U Magistrat iehor u quddiem dan il-Magistrat inti kont ghidt: "dan gibtu ghax se jiddikjara li huwa hati" u l-Magistrat kien irrispondik: "le ma tistax hekk". L-ewwel haga ma tistax ghax m'huwiex il-kaz tieghi u t-tieni haga minhabba l-kondizzjoni li qieghed fiha u hu ma tax kaz x'qal il-Magistrat, qabad hadni go sala ohra"* (*a fol.* 272-273). Fir-rigward tal-iStqarrija Guramentata, jghid: *"Ikkonfermata minn naha tieghek u mhux minn naha tieghi"* (*a fol.* 273).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 220) fejn spjega li kien nominat fl-Inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli sabiex jigbor diversi CCTV's, johrog *stills* minnhom u johrog ukoll informazzjoni minn fuq cellulari elevati mill-Pulizija. Jghid li huwa wettaq dan l-inkarigu u pprezenta r-rapport tieghu fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Edgar Del Valle Yendes Gonzalez**. Ezebixxa kopja tar-rapport tieghu li gie mmarkat bhal Dok. "MB 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2017, xehdet **Imelda Fede** (*a fol.* 233) fejn ghamlet traduzzjoni mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Spanjola tad-depozizzjoni moghtija minn Gonzalez fil-kawza odjerna fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016, liema traduzzjoni giet immarkata bhala Dok. "IF 1" (*a fol.* 234 *et seq.*).

**Imelda Fede** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 360b) fejn qalet li fit-30 ta' Lulju 2015 kienet prezenti fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-istqarrija ta' Analdo Andres Venghaus. Tghid li Venghaus inghata t-twissija u xogholha kien li taqleb mil-lingwa Maltija ghal dik Spanjola u vice-versa. Gharfet il-firma taghha fuq kull pagna tal-istqarrija.

In <u>kontro-ezami</u> ghad-domanda jekk l-imputat iffirmax l-istqarrija, wiegbet fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2017, xehed **Vincent Ciliberti** (*a fol.* 288 *et seq.*) fejn gie muri vera kopja ta' rapport li jinsab *a fol.* 136 *et seq.* u filwaqt li kkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport, qal li l-Hamis 30 ta' Lulju 2015 kien gie nominat biex jaccedi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija biex jinghata xi affarijiet li kienu gew elevati minn xi hadd li kien suspettat li kellu xi sustanza illegali.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li fir-rapport tieghu ma kien hemm l-ebda konkluzjoni pero' hemm elenku tal-affarijiet li gew mghoddija lilu.

**Vincent Ciliberti** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-23 ta' Lulju 2020 (*a fol.* 467) fejn meta gie mitlub jezebixxi rapport iehor bir-ritratti bil-kulur, wiegeb li ma jzommx ir-ritratti.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017, xehdu **PS 239 Joseph Caruana u PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 320) fejn pprezentaw kopja tar-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 321 *et seq.*) liema rapport jirrigwarda sejba ta' ammont ta' sustanza suspettata droga gewwa Rokna Hotel, San Giljan nhar it-28 ta' Lulju 2015.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2017, xehdet ukoll **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 332) fejn ipprezentat kopja ta' rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 333 *et seq.*) fir-rigward ta' sejba ta' kapsoli kontenenti materjal suspettata droga fir-Rokna Hotel, San Giljan nhar it-28 ta' Lulju 2015 fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *"Mis-swabs li ttiehdu mill-kapsuli 15BOI ma hareg l-ebda profil genetiku u ghalhekk ma setax isir analizi ta' komparazzjoni"* (*a fol.* 336).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2017, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 342) fejn spjega li gie mitlub jipprezenta kopja tar-rapport tieghu li hu kien hejja fl-Inkjesta Magisterjali dwar is-sejba ta' sustanza suspettata droga fuq Edgar Del Valle Yendes Gonzalez fir-Rokna Hotel, Room 131/132, San Giljan nhar it-28 ta' Lulju 2015. Jghid li kien hemm erbgha u sittin (64) kapsola li fihom kien hemm trab ta' lewn abjad u bhala konkluzjoni rrizultaw pozittiv ghall-kokajina. Ezebixxa kopja tar-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 343 *et seq.*) fejn ikkonkluda s-segwenti:

> (a) *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 212_15_01 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz total tat-trab kien ta' 705.25 grammi u l-purita' tal-kokaina kienet ta' cirka 40%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> (b) *Skond il-Malta National Drug Report 2013, il-valur tal-Kokaina kull gramma huwa ta' €50. Dan jaghti valur total ta' €35,262.50."*

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Malcolm Bondin** (*a fol.* 360a) fejn meta gie muri Dok. "JC 3" (*a fol.* 10 *et seq.*) ikkonferma li huwa kien prezenti ghall-istqarrija li ttiehdet mill-imputat fit-30 ta' Lulju 2015. Jghid li prezenti ghall-istqarrija kien hemm hu, l-iSpettur Jonathan Cassar u kif ukoll l-interpretu Imelda Fede. Jghid li l-istqarrija ttiehdet bil-Malti u li l-interpretu ttraduciet il-lingwa mill-Malti ghall-Ispanjol u vice-versa. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-iSpettur Jonathan Cassar u ta' Imelda Fede fuq il-faccati kollha. Ikkonferma li l-imputat kien inghata d-dritt tal-avukat u li l-imputat kien ghazel li jkellem lil Dr. Simon Micallef Stafrace u kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020, xehed l-imputat **Analdo Andres Venghaus** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 483 *et seq*).

Jghid li hu mwieled Curacao u jghid li wasal Malta fit-28 ta' Lulju 2015 u jghid li din kienet l-ewwel darba li gie Malta. Mistoqsi jghid fejn kien joqghod qabel gie Malta, jghid li kien ilu jghix l-Olanda mis-sena 1998, specifikament fil-belt ta' Rotterdam. Jispjega li qabel gie Malta kien jghix go *shelter* go Rotterdam u jghid li kien jghix go *shelter* peress li kellu relazzjoni ma' mara u ghandu anke t-tfal u waslu ghad-decizjoni li hu johrog mid-dar. Jispjega li fl-Olanda hemm sistema li biex jaghtuk akkomodazzjoni go dar, l-ewwel jaqbillek tmur go *shelter*, imbaghad wara xi tliet xhur jassenjawk dar. Jghid li kien ilu f'dan is-*shelter* mill-bidu ta' April. Jispjega li biex tkun tista' tibqa' f'dan is-*shelter* tkun trid issegwi programm, li trid torqod kuljum hemmhekk u tista' tohrog mis-7.00am imma trid tirritorna lura sal-10.00pm. Jghid li kien ikollu *mentor* u li kull ma kien jaghmel ried jitlob permess lilu. Mistoqsi jghid kif spicca gie hawn Malta, jispjega li hu qatt ma kellu l-hsieb li jigi Malta u jghid li lanqas biss kien jaf li Malta tezisti. Jghid li kellu habib jismu Rafael Lucia li gie mieghu hawn Malta. Jixhed li kienu jghixu fl-istess rahal meta kien jghix Curacao u li meta kienu zghar ghadhom l-iskola oht Rafael kienet it-tfajla tieghu. Jixhed li lil Rafael kien ilu ma jarah imma hu (l-imputat) kien imur ta' spiss ghandha peress li kienet toqghod vicin hafna x-*shelter* fl-istess triq peress li ghandha zewgt itfal *disabled* u kien imur jghinha. Jghid li lil Rafael kien ilu ma jarah u li Rafael kien mar ifittxu s-*shelter* tliet darbiet wara xulxin, gurnata wara ohra, u dana peress li ohtu qaltlu li kien ikunn hemm pero' qatt ma sabu hemmhekk u dana skond ma qallu l-*mentor*. Jixhed li darba minnhom kien il-Hadd u hekk kif wasal is-*shelter*, sabu lil Rafael hemm u qallu li kellu bzonn pjacir biex jakkumpanjah (lil Rafael) u li ohtu (Iris) qaltlu li hu (l-imputat) seta' jakkumpanjah. Jghid li Rafael qallu li kellu jmur Barcellona u li skond ma qallu dakinhar, hu (Rafael) kien jghix mal-mara tat-tifel tieghu f'Barcellona imma kienu sseparaw imma kellhom vettura komuni u hu (Rafael) ma riedx li din il-vettura tigi wzata mill-familja tal-eks mara u xtaq li l-imputat jakkumpanjah biex inizzel il-vettura minn Barcellona ghal Rotterdam. Jghid li kien jaf li Rafael kellu relazzjoni u li kellu tifla u li kienu jghixu go Spanja. Spjega li hu (l-imputat) ma setghax jghidlu *"iva"* mal-ewwel peress li kellu jmur ghand il-*mentor* biex jitolbu permess. Jghid li staqsa lil *mentor* u dan nfurma lill-imputat li ma setghax idum aktar minn gimgha.

Jispjega li t-Tnejn 27 ta' Lulju 2015 marru go agenzija tal-ivvjaggar go Rotterdam u jghid li setghet tpoggi persuna wahda biss u hu (l-imputat) qaghad bil-qieghda fuq wara. Jispjega li waqt li Rafael kien qed jixtri l-biljetti, f'hin minnhom dar u staqsieh jekk kellux problema li jghaddu minn Malta u jghid li hu (l-imputat) qallu: *"Malta? Malta fejn hi?"* (*a fol.* 487). Jghid li Rafael qallu li Malta hija gzira hdejn Spanja u qallu li jekk jghaddu minn Malta, il-prezz kien ser jigi orhos. Jghid li Rafael qabad u xtara dawn il-biljetti b'offerta peress li kienu jinkludu wkoll lukanda ghal tlett ijiem. Jghid li Rafael qallu li dakinhar stess kien ser ifittex biljett iehor biex imorru Barcellona u jghid li hemmhekk qalulu li kien jista' jixtrih minn Malta stess peress li jkun hemm certu biljetti tal-ahhar minuta. Jghid li malli jaslu Malta kellhom suppost jirrangaw biex jitilqu mal-ewwel.

Jixhed li waslu Malta b'titjira minn Amsterdam u jghid li, bejn wiehed u iehor, waslu ghal xi nofsinhar tat-Tlieta 28 ta' Lulju 2015. Mistoqsi jghid x'ghamlu, jghid li qabdu *taxi* u Rafael ta lil tat-*taxi* l-indirizz tal-lukanda. Jghid li Rafael kien hallas it-*taxi* wkoll. Jispjega li l-lukanda kienet l-Imperial Hotel u li x'hin waslu Rafael mar ikellem lil tar-*reception* u gie nfurmat li kellhom jistennew ftit minuti peress li kienu qeghdin inaddfu l-kamra. Jghid li kellhom kamra wahda u li gie mitlub il-passaport. Mistoqsi jghid x'gara, jghid li dak il-hin hu hareg barra l-lukanda jpejjep sigarett u jghid li seta' jinnota li Rafael kien qieghed jittextja fuq il-*mobile*. Jghid li mbaghad telghu fil-kamra u li appena dahlu fil-kamra, peress li kien hemm shana kbira, xtaq jidhol fil-kamra tal-banju u kellu bzonn jaghmel *toilet*. Jixhed li appena pogga fuq it-*toilet*, Rafael staqsieh x'kien qed jaghmel u qallu biex ihaffef peress li kien ircieva messagg minn ghand habib tieghu. Jghid li Rafael qallu li ried imur jarah u qallu biex ihaffef ha jmorru. Jispjega li lil Rafael qallu li wara li juza t-*toilet* ried jiehu *shower* u jekk kellu bzonn imur, imur wahdu.

Ghad-domanda: *"Din kienet l-ewwel darba li smajt li kellu xi habib hawn Malta li skont dan Rafael jew kien semma xi haga qabel?"* (*a fol.* 489 *et seq.*), wiegeb: *"Hu qatt ma kellimni fuq Malta xejn, jigifieri ma kontx naf"* (*a fol.* 490). Jghid li Rafael qallu biex imur mieghu biex

imbaghad jieklu xi haga u li (l-imputat) qallu biex jistenna halli jiehu *shower*. Jispjega li ha *shower* u biddel il-hwejjeg u li Rafael qatt ma biddel il-hwejjeg. Jghid li nizlu isfel u li Rafael mar ikellem lir-*receptionist* u staqsieha minn fejn seta jixtri *charger* u minn fejn seta' jixtri *sim card* u jghid li r-*receptionist* gwidatu minn fejn. Jispjega li Rafael ha *brochure* tal-lukanda, kiteb xi haga fuqu u qabad u tefghu fil-but ta' quddiem u bdew mexjin. Jghid li l-ewwel nxtara c-*charger* u li mbaghad Rafael xtara *sim card* tal-hames Euro (€5.00). Jghid li nizlu fejn ikun hemm it-*taxis* u qal lil tat-*taxi* biex jehodhom San Giljan u waqqfu ezatt fil-kantuniera fejn hemm tal-Frank Salt, fejn hemm ir-*roundabout,* u jikkonferma li dan kien fl-inhawi ta' Portomaso fejn hemm il-Hilton.

Mistoqsi jghid jekk bejniethom sarx xi diskors waqt li kienu fit-*taxi*, wiegeb li nnota li appena waslu Malta, Rafael kien qed jiccettja hafna fuq il-*mobile*. Jghid li Rafael kien hallas kollox, inkluz it-*taxi*. Jghid li fejn waqqfithom it-*taxi* fil-kantuniera kien hemm qisu tliet mwejjed u Rafael qallu biex joqghodu daqxejn hemmhekk ha jiehdu *drink*. Jghid li hu (l-imputat) dahal gewwa u li kien hemm tnejn jew tliet min-nies li kienu bil-qieghda, ordna zewg birer u li meta hareg barra Rafael kien ghadu fuq il-*mobile* jiccettja. Jghid li ma tantx tkellmu peress li Rafael kien il-hin kollu fuq il-*mobile* u jghid li Rafael qallu li daqt ried imur ghax ried jitlaqa' mal-habib tieghu li kien jinsab fil-vicinanzi. Jghid li Rafael qallu li l-habib tieghu kien sejjer dalwaqt u li kien gej mixi u li kien qieghed fit-triq.

Mistoqsi jghid jekk fil-fatt marx xi hadd, wiegeb li hu (l-imputat) qatt ma ra lil hadd u lanqas biss kellu cans jarah. Jghid li Rafael qallu biex imur ihallas u tah ghoxrin Euro (€20.00) biex ihallas il-birra u li Rafael beda mixi u x'hin hu (l-imputat) hallas il-birra u hareg Rafael qallu biex imur hdejh peress li l-habib tieghu kien qieghed l-hemmhekk. Jghid li meta regghu waslu vicin ir-*roundabout*, hu kien mixi wara Rafael u li Rafael dahal go hanut zghir u x'hin hu (l-imputat) wasal hdejn il-hanut, hu (l-imputat) ittawwal imma ra li Rafael ma kienx qieghed hemm gewwa. Jghid li hu (l-imputat) dahal gol-hanut u staqsa lil tal-hanut jekk kienx ra lill-habib tieghu li kien ghadu kemm dahal gewwa u dan wiegbu fl-affermattiv u qallu li l-hanut kellu *exit* minn naha ohra. Jispjega li

x'hin dahal biex ifittex lil Rafael, sema' lil Rafael jitlob lil wiehed minn tal-hanut *sim card* u lil tal-hanut semghu jghidlu lil Rafael li ma setghax ibieghlu *sim card* peress li ma kien jaf x'*sim card* jiehu u li spicca ma xtara l-ebda *sim card*. Jghid li hargu mill-hanut u bdew nezlin it-triq ta' San Giljan lejn Spinola u li Rafael kien ghadu fuq il-*mobile* jitkellem. Jixhed li hu (l-imputat) kien qed jiddejjaq ghax ra li Rafael kien il-hin kollu fuq il-*mobile* u qabad u qabez lil Rafael u beda mixi quddiemu.

Jghid li hu (l-imputat) qaghad ihares biex jara l-*area* fejn qieghed u li hekk kif hu (l-imputat) qabez il-McDonald's, Rafael ghajjatlu, hu dar u Rafael kien quddiem il-McDonald's u qallu biex jieklu xi haga minn hemm, dahlu, qaghdu fil-kju u li Rafael kien il-hin kollu mohhu fil-*mobile*. Jghid li f'dan il-hin hu (l-imputat) waqaf ihares lejn barra u jghid li kien urtat u li Rafael ordna l-ikel u qaghdu fuq l-ewwel mejda quddiem il-*counter*. Jispjega li hu (l-imputat) mar it-*toilets* u hekk kif dahal dahlu zewg persuni: wiehed waqaf fuq il-lemin u l-iehor fuq ix-xellug. Jghid li dawn ma ghamlu xejn. Jispjega li beda jahseb li kien hemm xi haga stramba minhabba li kienu dahlu dawn iz-zewg persuni u ma kienu qed jaghmlu xejn. Jghid li hasel idejh u rega' mar fuq il-mejda fejn kien u li meta wasal hemm lil Rafael ma rahx pero' jghid li l-ikel kien fuq il-mejda. Jghid li beda jiekol normali ghax qal li Rafael zgur li kien qieghed jitkellem fuq il-*mobile*. Jghid li spicca mill-ikel u Rafael kien ghadu ma wasalx. Jixhed li Rafael ma kien kiel xejn u pogga l-ikel tieghu go basket, hareg mill-McDonald's u beda jfittex biex jara jarahx x'imkien. Jghid li ma rahx u qabad tiela' t-triq minn fejn kienet halliethom it-*taxi*.

Jispjega li waqaf fil-hanut fejn kienu waqfu qabel (dak tas-*sim card*), ittawwal u ma rax lil Rafael hemm u jghid li mar fejn kienu qeghdin jixorbu l-birra u rega' mar lura lejn il-McDonald's. Jghid li rega' dahal gol-McDonald's, rega' iccekkja jekk Rafael kienx hemm, rega' hareg u rega' beda mixi u rega' tela' din it-triq l'fuq. Jghid: *"Kont imfixkel, lanqas kont naf, pajjiz ma nafux, ma nafx fejn qieghed"* (*a fol.* 497). Jispjega li rega' nizel lura lejn il-McDonald's ghat-tielet darba u rega' dahal fih. Jghid li rega' mar fuq fejn hemm it-*toilets*, mar jittawwal mill-gallarija, ghamel ftit minuti u offendih u appena nizel

u se johrog mill-McDonald's, ra *taxi* bajda. Mistoqsi jghid kemm ghadda hin mill-ewwel darba li dahal il-McDonald's sakemm lemah it-*taxi* bajda li qed isemmi, jghid li jahseb li ghamel zgur siegha jimxi. Jixhed li hekk kif ra din it-*taxi*, ghaddielu hsieb biex imur lura lejn il-lukanda u hekk kif diehel got-*taxi* u se jaghlaq il-bieba, persuna liebsa pajzana fethet il-bieba u ppuntatlu pistola.

Jispjega li qabdu paniku kbir u jghid li dan il-persuna qallu biex ma jiccaqlaqx u jghid li qallu wkoll biex ma jghid xejn u biex joqghod kwiet u jghid li dan qallu hekk bil-lingwa Ingliza. Jghid li dan il-persuna qallu biex johrog mill-vettura u x'hin hareg mit-*taxi* kien hemm ragel iehor u li vettura waqfet ezatt quddiem it-*taxi* u marru diversi persuni fuqu (fuq l-imputat). Jghid li dawn qalulu li kienu Pulizija hekk kif ghamlulu l-manetti u ttiehed go Ghassa tal-Pulzija fil-vicin. Jghid li hu staqsa ghala kienu qed jaghmlulu hekk u qalulu biex ma jitkellimx. Jixhed li marret persuna gol-kamra u qaltlu li kien jinsab fi problema u staqsietu fejn jinsab il-habib tieghu u jghid li hu qal li ma kienx jaf u li kien qed ifittxu. Jghid li dan il-persuna beda jghidlu lill-imputat li hu (l-imputat) kien jaf fejn hu u rega' staqsieh fejn kien jinsab il-habib tieghu.

Jixhed li gie mistoqsi jghid fejn kienu qeghdin joqghodu u li wiegeb li kienu qed joqghodu l-Imperial Hotel. Mistoqsi jghid jekk hu (l-imputat) kellux *mobile*, wiegeb fl-affermattiv imma jghid li kellu problema ghax mindu wasal Malta ma kellux *reception* u ma setghax icempel. Jghid li ma kellu bzonn ikellem lil hadd u li t-telefon kien fil-but. Ghad-domanda jekk huwa uzax it-telefon hawn Malta, wiegeb fin-negattiv.

Mistoqsi jghid x'gara wara li qal lill-Pulizija li kienu qed joqghodu fl-Imperial Hotel, jghid li wara xi minuti gie mehud il-lukanda u li meta waslu hemm kien hemm diga' zewg ufficjali ohra li kienu qed jitkellmu ma' tar-*reception*. Jghid li dawn bdew isaqsuh jekk hu (l-imputat) kellux cavetta ohra, jekk kienx hemm persuna ohra u li milli jidher din tar-*reception* wiegbet li milli jidher din l-persuna ma kinitx qieghda hemm gewwa. Jghid li telghu fil-kamra, dahlu fil-kamra u peress li hu kien ha *shower* il-bagalja tieghu u l-hwejjeg li kien nehha kien poggiehom fil-gwardarobba u jghid li l-bagalja ta'

Rafael kienet qeghda fuq is-sodda. Jghid li gie mistoqsi jghid liema kienet is-sodda tieghu u meta gie mistoqsi jghid fejn kienet il-bagalja, qalilhom li kienet gol-gwardarobba. Jghid li meta staqsewh il-bagalja l-ohra ta' min kienet, qalilhom li kienet ta' Rafael u li haduha maghhom. Jghid li minn hemm gie mittiehed quddiem l-iSpettur Mula li qallu li hu (l-imputat) kien fi problema serja u hu qallu li ma kien ghamel xejn. Jghid li meta staqsieh x'kien ghamel, dan qallu li huma kienu gew biex jaghmlu negozju tad-droga. Jghid li qallu: *"X'inti tghid? Mela qed tiggennen? Jien ma kellimt lil hadd hawnhekk! Ma naf xejn! X'inti tghid?"* (*a fol.* 500). Jghid li poggewh go cella u tellghawh quddiem l-iSpettur Bondin u jghid li bdew jghidulu biex jghid il-verita' ghax ser jaghtuh hafna snin u kien ikun ahjar li jikkollabora peress li kien fi problema serja. Jghid li hu qallu li ma kellu l-ebda problema ghax ma kien ghamel xejn. Jixhed li beda jghidilhom li hu ma kien jaf xejn fuq id-droga u li rega' tpogga fic-cella.

Jghid li l-ghada ttiehed quddiem l-iSpettur Jonathan Cassar u kien hemm ukoll l-iSpettur Malcolm Bondin u kif ukoll l-interpretu Imelda Fede. Jghid li hu dejjem talab ghall-avukat u jghid li gie moghti telefon fejn qalulu li kien hemm avukat. Jghid li din kienet konverzazzjoni ta' inqas minn minuta. Jixhed li dan qallu li kellu dritt li ma jghid xejn u li kien ser jarah il-Qorti. Jghid li ma jafx ma' min kien qieghed jitkellem. Jispjega li mbaghad ghamel stqarrija u li ma riedx jiffirma tali stqarrija peress li hu qatt ma kien kellem avukat u minhabba l-fatt li kien hemm certu affarijiet miktubin li hu ma kienx qalhom. Ghad-domanda jekk mindu hallih wahdu Rafael jekk qattx ghamel xi komunikazzjoni jew jekk qattx rega' kellmu, wiegeb: *"Qatt, qatt, qatt, xejn anki l-familja tieghi marru jfittxuh u prattikament jien stess personali kkuntattjat il-Qorti wkoll tal-Olanda biex nara jafux lil dan ic-certu persuna, imma xejn"* (*a fol.* 502).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi x'jaf jghid fuq il-karattru ta' Rafael Lucia fejn jidhlu Pulizija, droga u affarijiet simili, wiegeb li ma jafx u jghid li ma jafx li kellu problemi ma' Pulizija jew droga jew affarijiet hekk. Jghid li jaf hu li Rafael kellu xoghol tajjeb u kien jaqlaghha sewwa. Jichad li jaf lil Edgar del Valle Yendes Gonzalez. Jghid li issa jaf min hu dan Gonzalez. Jghid li sal-mument li hu (l-imputat) kien gie

arrestat, hu qatt ma kien rah lil Gonzalez. Mitlub jghid x'ghamel biha l-*brochure* li hu ra lil Rafael jikteb xi haga fuqha, wiegeb li tefaghha fil-but tal-qmis. Mistoqsi jghid x'ghandu xi jghid jekk jinghad li l-Pulizija li kienu qed isegwu l-passi ta' Gonzalez, rawh (lill-imputat) jghaddi *brochure* tal-Imperial Hotel lil Gonzalez, wiegeb: *"Mhux vera"* (*a fol.* 503). Mitlub jghid x'ghandu xi jghid jekk jinghad lilu li barra dan il-*brochure*, gol-*brochure* kien hemm xi flus, wiegeb: *"L-istess haga. Ma kontx naf u ma nafx"* (*a fol.* 503). Ghad-domanda: *"U jekk nghidlek li dan Edgar Del Valle Yendes Gonzalez, li kien jinsab arrestat u kien taht il-kontroll tal-Pulizija, fil-fatt kien qieghed jassisti f'konsenja kkontrollata, ircieva messaggi wara li int gejt arrestat li kienu qeghdin jistaqsu x'sar minnek u kemm kont ghaddejt flus, kemm kont ghaddejtlu flus, x'tghid fuq dan?"* (*a fol.* 503), wiegeb li ma kienx vera. Mistoqsi jghid ghala ma rrakkuntax dan ir-rakkont li xehed lill-Pulizija, wiegeb li hu dejjem l-istess qal. Ghad-domanda jekk il-verzjoni dettaljata li ta fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti qalhiex lill-Pulizija, wiegeb: *"Kollox l-istess mill-bidu"* (*a fol.* 504).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fis-27 ta' Lulju 2015 certu Edgar Del Valle Yendes Gonzalez gie arrestat wara li fil-kamra 131-132 tal-lukanda Rokna nstabu numru ta' kapsoli li wara rrizulta li fihom kien hemm il-kokajina. Jirrizulta wkoll li l-imsemmi Gonzalez accetta li jaghmel konsenja kkontrollata u b'hekk il-movimenti tieghu kienu qed jigu sorveljati mill-Pulizija. Jirrizulta mill-atti processwali li fit-28 ta' Lulju 2015 tard wara nofsinhar Gonzalez hareg mil-lukanda fejn kien qed joqghod f'San Giljan u pogga f'kafeterija fejn kien hemm l-imputat u persuna ohra li jinghad li kienet certu Rafael Lucia. Eventwalment dawn il-persuni msemmija (inkluz l-imputat) mxew lejn id-direzzjoni ta' McDonald's u wara diversi movimenti gie arrestat l-imputat. Dak li jinghad li kien Rafael Lucia telaq minn fuq il-post u baqa' qatt ma gie intercettat.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat b'assocjazzjoni. Jirrizulta li anke fil-konfront ta' Gonzalez ittiehdu proceduri kriminali u li l-imsemmi Gonzalez irrilaxxa Stqarrija Guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli. Minkejja li kien ghad hemm proceduri kriminali pendenti kontra Gonzalez u minkejja li Gonzalez gie nfurmat bid-dritt li seta' jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri sabiex ma jinkriminax ruhu, huwa xorta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni *per se* addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija (Dok. "JC 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fit-30 ta' Lulju 2015 u fir-rigward tax-Xiehda Guramentata (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21) rilaxxata minn Edgar Del Valle Yendes Gonzalez meta din tigi paragonata mad-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti.

**<u>Stqarrija tal-imputat (Dok. "JC 3" – *a fol.* 10 et seq.)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu) u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u minkejja li ghad-domanda jikkonfermax li huwa nghata d-dritt li jiehu parir legali u li hu ha dan il-parir u li kellem lil Dr. S. Micallef Stafrace, huwa wiegeb li ma kienx jaf l-isem u li kien qed jigi nfurmat dak il-hin b'kunjom l-avukat, jirrizulta li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija taghhom pero' l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija (bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-ohrajn, ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta'

Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li gie deciz mill-istess Qorti aktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 518), id-difiza talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija (Dok. "JC 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat u li l-istess difiza stiednet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni ta' dak li xehed l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda f'dawn il-proceduri.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-fatt li l-imputat ma kellux id-dritt li jkollu avukat mieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu, inkluz il-fatt li l-firma tal-imputat ma tirrizultax fuq tali stqarrija u tenut kont tal-fedina penali nadifa (Dok. "JC 2" – *a fol.* 9) tal-imputat, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Ovvjament il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni d-depozizzjoni moghtija mill-imputat f'dawn il-proceduri, liema depozizzjoni giet moghtija minnu minn jeddu u b'mod volontarju.

<u>**Xiehda Guramentata ta' Edgar Del Valle Yendes Gonzalez (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21) vs. depozizzjoni moghtija minnu quddiem din il-Qorti:**</u>
Illi l-atti processwali jikkontjenu l-istqarrija li giet rilaxxata lill-Pulizija minn Gonzalez liema stqarrija giet sussegwentement igguramentata quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Illi, kif nghad aktar il-fuq, Gonzalez ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri minkejja li kien ghad hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali u minkejja li kien gie nfurmat bid-dritt tieghu li kellu l-ghazla li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li tenut kont tal-fatt li Gonzalez xehed f'dawn il-proceduri, id-difiza kellha wkoll kull dritt taghmel id-domandi li xtaqet taghmel lil Gonzalez in kontro-ezami.

Illi, fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti preseduta, Gonzalez jixhed li ma kienx minnu hafna minn dak li gie moqri lilu u li kien jirrizulta fl-iStqarrija Guramentata (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Gravina** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Minn dan isegwi, li anke meta l-Prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-Qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, <u>dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-Gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud</u>. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat". [emfazi mizjuda]

Illi ghandha ssir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ramon Fenech** liema sentenza tirrigwarda sitwazzjoni bhal dik fil-kawza odjerna fejn xhud li kien irrilaxxa Stqarrija Guramentata u li kontra tieghu kien hemm proceduri kriminali ghazel li jixhed xorta wahda fil-kors tal-kumpilazzjoni qabel il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kienu gew konkluzi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fejn inghad hekk:

> "[…] fil-fehma tad-difiza tali xhieda hija inammissibli in kwantu fil-mument li nghatat dan ix-xhud kellu jitqies bhala ko-akkuzat fit-termini tal-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza taghna, billi f'dak iz-zmien il-kaz tieghu kien ghadu ma ghaddiex in gudikat. Illi mill-atti kumpilatorji johrog illi Simon Linton Sancto kien *a tempo*

*vergine*, u cioé fit-30 ta' Settembru 2010, offra x-xhieda tieghu fit-termini ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll iddepona *viva voce* quddiem il-Qorti Istruttorja fis-16 ta' Frar 2011. Il-kaz tieghu, imbaghad gie deciz u ghadda in gudikat fil-21 ta' Frar 2011.

[…]

Issa allura dan ifisser illi *ai termini* ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31 Simon Linton Sancto ghandu jitqies illi huwa *'a competent witness'* fil-konfront ta' l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huwa offra d-deposizzjoni tieghu kien ghadu jitqies bhala ko-akkuzat billi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz tieghu gie deciz Sancto ma kienx *'a compellable witness'* u cioé ma setax jigi imgieghel jaghti d-deposizzjoni tieghu billi kellu d-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegeb ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminah. Fil-fatt meta huwa offra d-deposizzjoni tieghu fis-16 ta' Frar 2011, huwa gie moghti t-twissija skont il-ligi, izda ghazel li jaghti x-xhieda tieghu fejn anke kkonferma bil-gurament d-dikjarazzjoni guramentata li kien offra fit-30 ta' Settembru 2010 *ai termini* ta' l-Artikolu 121B tal-Kapitolu 31. F'din is-seduta l-akkuzat kien prezenti u kellu kull dritt jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji *ai fini* ta' kontroll ta' dak li kien qed ighid ix-xhud u dan fit-termini ta' dak superjorment deciz fil-kawza supra citata Il-Pulizija vs. Pierre Gravina. *Di più*, issa li l-kaz tax-xhud Sancto gie deciz u ghadda in gudikat ma hemm xejn x'jostakola lil dan ix-xhud milli joffri d-deposizzjoni tieghu fl-istadju tal-guri u dan dejjem bil-kawteli stabbiliti fil-ligi fl-Artikolu 639 tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser allura illi x-xhieda ta' Sancto ma tista' qatt titqies bhala xhieda inammissibbli fit-termini tal-ligi. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda."

Illi ghandu jinghad li Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet li jirrigwarda tehid ta' Stqarrija Guramentata, holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Biss il-Qorti tinnota li din trid bil-fors tinqara bis-salvagwardji kollha kostituzzjonali u cioé fl-ewwel lok id-dritt ghas-silenzju tax-xhud li ghadu qed jiffaccja proceduri kriminali kontra tieghu u ukoll illi dak li jinghad mix-xhud f'tali Stqarrija Guramentata ghandu dejjem ikun assoggettat ghal kontroll tad-difiza u jekk id-difiza ma tkunx ezercitat dan id-dritt taghha allura l-Qorti tkun prekluza milli tistrieh fuq tali prova. Dan jemani mill-insenjament tal-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha moghtija fit-28 ta' Frar 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Micallef et**.

Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, minkejja li meta Gonzalez xehed f'dawn il-proceduri huwa ghazel li jixhed minkejja li kellu dritt li ma jixhidx peress li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kienu ghadhom pendenti, fid-dawl tal-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq jirrizulta li l-Qorti hija obbligata li tiehu in konsiderazzjoni mhux biss id-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti pero' anke dik li tirrizulta fl-iStqarrija Guramentata tieghu.

Illi, da parte taghha, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha d-difiza taghmel riferenza ghall-proviso ta' Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad: *"kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament, u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta'vantaggi"* u ssostni: *"Illi hemm indikazzjonijiet ta' certu fundament illi l-Pulizija rrikorriet ghal mezzi ta' theddid fil-konfront tal-imsemmi Edgar Del Valle Yendes Gonzalez, kif ukoll u in kombinazzjoni ma' dan jonkella illi l-Pulizija wieghdet jew issugerixxiet trattament aktar favorevoli a favur tal-istess Edgar Del Valle Yendes Gonzalez f'kaz illi huwa kellu 'jikkopera' maghha"* (*a fol.* 511).

Illi filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li fid-depozizzjoni moghtija minn Gonzalez quddiemha, l-imsemmi Gonzalez innega hafna mill-

affarijiet li nqraw lilu u li jirrizultaw fl-iStqarrija Guramentata (Dok. "CF 1" – *a fol.* 21), il-Qorti tinnota minghajr ezitazzjoni li dak sottomess mid-difiza kif hawn fuq kwotat ma jirrizultax. Dan qieghed jinghad peress li l-Qorti jirrizultalha li mhux talli fl-atti hemm l-istqarrija li Gonzalez irrilaxxa lill-Pulizija (Dok. "JC 1" – *a fol.* 7 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21), talli tali stqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli (*a fol.* 15 *et seq.* ta' Dok. "CF 1" - *a fol.* 21)) ghal liema stqarrija quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli hemm imnizzel min kien hemm prezenti (*a fol.* 4 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21). Jirrizulta wkoll li quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli giet appuntata bil-gurament l-interpretu Imelda Fede sabiex tittraduci mil-lingwa Maltija ghal dik Spanjola u vice-versa u dana *stante* li gie dikjarat li Gonzalez ma jifhimx bil-lingwa Maltija. Apparti minn dan hemm imnizzel ukoll:

> "Illi gie spjegat lil Edgar Del Valle Yendes Gonzalez li huwa ghandu d-dritt tas-silenzju, li ma jwegibx ghal dawk id-domandi li jistghu jinkriminawh izda dak li se jinghad jista' jingieb bhala prova kontrih. Huwa kkonferma wkoll li qabel ma se jaghti din l-istqarrija ikkonsulta ma' Dr. Joseph Ellis" (*a fol.* 4 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21).

Illi minn dan jirrizulta li qabel Gonzalez irrilaxxa l-iStqarrija Guramentata huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Dr. Joseph Ellis, liema dritt huwa hadu. Ma jirrizulta minn imkien dak li jiddisponi l-proviso ta' Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li sar riferenza ghalih hawn fuq.

Illi filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li kien hemm *language barrier* hekk kif Gonzalez gie arrestat u f'certu mumenti li kienet qed issir il-konsenja kkontrollata, pero' ghandu jinghad li l-interpretu ttiehdet fil-prezenza ta' Gonzalez hekk kif irrizulta dan il-*language barrier* u kienet prezenti wkoll sakemm l-imsemmi Gonzalez hareg mil-lukanda Rokna. Il-Qorti tinnota wkoll li mhux talli tali intepretu kienet prezenti wkoll tul it-tehid tal-iStqarrija Guramentata quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli, talli kienet prezenti wkoll qabel, cioé meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat mill-Pulizija.

Dan jirrizulta mill-istqarrija nnifisha li tinsab immarkata bhala Dok. "JC 1" (*a fol.* 7 *et seq*. ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21).

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fit-tmiem tal-iStqarrija Guramentata hekk kif il-Magistrat Dr. Josette Demicoli staqsiet lil Gonzalez: *"Jigifieri wara li jiena qrajtlu l-istqarrija tieghu huwa qed jaqbel ma' dak kollu illi tnizzel u li gie moqri lilu u qed jikkonfermah bil-gurament?"* (*a fol.* 24 ta' Dok. "CF 1" - *a fol.* 21), Gonzalez wiegeb fl-affermattiv. Il-Qorti tinnota wkoll li ftit paragrafi qabel dan, hemm imnizzel dak li hemm miktub fl-istqarrija u cioé: *"Niddikjara li din l-istqarrija ghamiltha jien volontarjamnt, minghajr theddid jew biza', weghdiet jew twebbil ta' xi vantaggi. Hija l-verita' u wara li giet moqrija lili mill-iSpettur Jonathan Cassar tradotta minn Imelda Fede, nistqarr li ma rrid inzid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u naghzel li niffirmaha"* (*a fol.* 24 ta' Dok. "CF 1" – *a fol.* 21). Anke din giet konfermata bil-gurament minn Gonzalez quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli. Da parte tieghu, PS 518 Anthony Degiovanni, li kien prezenti ghat-tehid tal-istqarrija rilaxxata minn Gonzalez (*a fol.* 7 *et seq*. ta' Dok. "JC 1" – *a fol.* 21), jixhed li l-istqarrija ta' Gonzalez saret bla theddid u bis-solitu twissija tal-avukat.

<u>Illi, fl-istadju tal-iStqarrija Guramentata, Gonzalez kellu kull possibbilita' li jbiddel dak li kien qal huwa lill-Pulizija pero' dan ma jirrizultax li ghamlu, anzi jirrizulta li kkonferma bil-gurament dak li kien qal qabel</u> u dana minkejja li quddiem din il-Qorti jghid, fost l-ohrajn, li kellu jittiehed l-iSptar (li huwa fatt mhux kontestat *stante* li pprova jahrab u kellu jigi rikoverat l-iSptar minhabba li sofra xi ksur) u li ma kienx qed jifhem x'qed jigri. Apparti minn dan, quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli, Gonzalez gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-iStqarrija Guramentata moghtija minn Gonzalez quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli hija dik li ghandha tinghata l-piz dovut u dana meta din tigi mqabbla mad-depozizzjoni moghtija minnu quddiem din il-Qorti u dana *stante* li ma jirrizulta xejn censurabbli fit-tehid tal-iStqarrija Guramentata ta' Gonzalez u li l-verzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti nghatat wara li Gonzalez

kellu zmien bizzejjed biex ibiddel din il-verzjoni, kif fil-fatt ghamel tant li l-punti saljenti moghtija minn Gonzalez fl-iStqarrija Guramentata gew mibdula minnu meta huwa xehed quddiem din il-Qorti! A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dawn il-bidliet u cioé fejn Gonzalez cahad quddiem din il-Qorti li kien qal affarijiet li jirrizultaw fl-iStqarrija Guramentata tieghu, liema bidliet jirrizultaw aktar il-fuq f'din is-sentenza, precizament fis-sommarju tad-depozizzjoni ta' Gonzalez meta nqratlu l-iStqarrija Guramentata quddiem din il-Qorti.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'assocjazzjoni.

Illi Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull min:
>
> [...]
>
> (f) jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocjazzjoni,
>
> ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza".

Illi Artikolu 22(1A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu".

Illi, fir-rigward ta' dak li jammonta ghal *conspiracy*, fid-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Caddick et** deciza fis-6 ta' Marzu 2003, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> *"As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, "it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice". [...]*
>
> *This Court believes that the position at law was in fact misstated by the First Court, as although it is true that for the crime of conspiracy to subsist it does not have to be proved that the agreement was put into practice, the converse is not true, that is that evidence of dealing does not necessarily point to a conspiracy.*
>
> *Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (Section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason,*

*namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement".*

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb**, il-Qorti qalet hekk:

"Issa skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 dejjem gew ritenuti li huma erba' u senjatament: 1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat; 2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta, 3. sabiex tigi traffikata d-droga; u 4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi moviment ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b'mod gratuwitu. U ma hemmx ghalfejn elementi ohra bhal per ezempju prova li d-droga tkun effettivament ghaddiet minn id ghal id jew li giet importata, ghax anki semplici offerta hija bizzejjed".

Illi jkun ukoll opportun li l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven John Lewis Marsden** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 2009 fejn nghad is-segwenti:

*""Furthermore, as **Timothy Jones** and **Michael Christie** point out in the second edition of **Criminal Law**[1]:*

*"Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have*

[1] Greens Concise Scots Law (Edinburgh), 1996, page 140, paras. 7-46 to 7-48.

*to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose.*

*Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in* **H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney** *(1968):*

*"You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting."*

*The evidence derived from such decisional process will not always be as unambiguous as the example in the previous paragraph. An individual who may appear at an early stage of the 'conspiracy' to be involved might not be firmly committed. This problem is raised in a crucial form by the absence of any requirement of proximity such as is to be found in the law of attempt.*

*The cynical view of proof in conspiracy cases would be that the apparent difficulty in proving the agreement is to the advantage of the prosecutor. There is the danger that in stressing to the jury that a conspiracy can be proved inferentially, the judge may neglect to emphasise the necessity of proof per se"".*

Illi l-Qorti tinnota li l-ufficjali tal-Pulizija xehdu dwar l-involviment taghhom f'dan il-kaz u li, a skans ta' ripetizzjoni, ghandha ssir riferenza ghas-sommarju ta' dak li qalu u li jinsab aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li apparti dak li xehdu l-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed isegwu lil Gonzalez u li raw lill-imputat u lil Rafael Lucia, l-iStqarrija Guramentata rilaxxata minn Gonzalez hija l-unika prova fir-rigward tal-involviment tal-imputat fl-assocjazzjoni u dana

apparti l-fatt li fejn kien qed jirresjedi Gonzalez instabu l-kapsoli bil-kokajina.

Illi minkejja li aktar il-fuq inghad li l-verzjoni moghtija minn Gonzalez fl-iStqarrija Guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli ghandha tigi kkunsidrata bhala dik li ghandha titwemmen meta paragunata ma' dik moghtija minnu quddiem din il-Qorti, pero' nghad ukoll li sabiex ikun hemm assocjazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jrid ikun hemm ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar biex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza, u liema ftehim jissussisti fil-mument illi jigu miftehma l-mezzi li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu.

Ghalhekk huwa necessarju li sabiex tirrizulta l-imputazzjoni tal-assocjazzjoni kif dedotta kontra l-imputat, irid jirrizulta, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar, l-intenzjoni li tigi negozjata d-droga u l-ftehim dwar il-modalita' tal-pjan ta' azzjoni. Kull ma jirrizulta mill-provi prodotti fil-kawza odjerna huwa dak li gie mistqarr minn Gonzalez fl-iStqarrija Guramentata tieghu, il-fatt li jirrizulta li l-kapsoli misjuba fil-kamra tal-lukanda fejn kien Gonzalez kellhom il-kokajina, il-fatt li seta' kien hemm kuntatt bil-hars u kuntatt fiziku bejn Gonzalez u l-imputat u minkejja li nghad li gew mghoddija xi flus u xi *brochure*, pero' xorta wahda ma jistghax jinghad li tirrizulta l-assocjazzjoni da parti tal-imputat.

Illi ma tezisti l-ebda prova li kien hemm xi intenzjoni da parti tal-imputat flimkien ma' Gonzalez u/jew Rafael Lucia li jinnegozzja d-droga jew illi kien hemm xi ftehim bejniethom dwar il-modalita' tal-pjan ta' azzjoni sabiex tigi negozjata d-droga. Ma jistax jinghad li jirrizulta illi kien hemm xi ftehim bejn l-imputat flimkien ma' Gonzalez u/jew Rafael Lucia illi jittraffikaw id-droga bhal ma lanqas ma jirrizulta illi gew 'ikkumbinati jew miftiehma mezzi' li bihom huma kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw id-droga. Dak li jirrizulta huwa dak li xehdu l-Ufficjali tal-Pulizija fir-rigward ta' dak li sar meta saret il-konsenja kkontrollata, dak li nghad minn Gonzalez fl-iStqarrija Guramentata (b'differenza ghal dak li huwa

xehed quddiem il-Qorti li gie deciz aktar il-fuq li ma ghandux jittiehed bhala veritjier) u dak li xehed l-imputat f'dawn il-proceduri fejn innega li kellu xi involviment dwar droga u li kien semplicement gie Malta fi triqtu lejn Barcellona sabiex jghin lil siehbu Rafael Lucia li kellu bzonn l-ghajnuna tieghu meta jmur Barcellona.

Illi ta' min jinghad li Rafael Lucia telaq minn fuq il-post minghajr ma sar l-arrest tieghu u b'hekk dan il-persuna baqa' qatt ma xehed f'dawn il-proceduri.

Illi l-fatt li nstabet id-droga fil-kamra tal-lukanda fejn kien qed jirrisjedi Gonzalez, il-fatt li l-imputat kien prezenti flimkien ma' Rafael Lucia, il-fatt li marru l-McDonald's u l-fatt li seta' kien hemm xi tip ta' kuntatt bejn Gonzalez u l-imputat dan ma jfissirx awtomatikament illi l-imputat kien partecipi f'xi ftehim ossia *common design* dwar xi att kriminali illi allegatament kellu jitwettaq.

Illi minkejja li l-Qorti tistaqsi, fost l-ohrajn, kif l-imputat qabad u ddecieda li jghin lil Rafael Lucia hekk kif dan staqsieh biex imur mieghu Barcellona u minkejja li jinghad li huma kienu hbieb mindu kienu zghar u li kienu jghixu Rotterdam u minkejja li kien ghad hemm xi tip ta' kuntatt bejniethom *tramite* oht Rafael Lucia, pero' il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif l-imputat ma xamm xejn stramb fit-talba li kien ghamillu Rafael Lucia biex jghinu! Huwa minnu li l-imputat jiddeskrivi li meta waslu Malta fi triqithom lejn Barcellona li Rafael Lucia kien il-hin kollu bil-*mobile* jibghat il-messaggi u li kien qallu li ried jiltaqa' ma' xi hadd Malta, pero' xorta wahda bl-ebda mod ma jista' wiehed jasal ghall-inferenza li allura bejn l-imputat u Gonzalez u/jew Rafael Lucia kien hemm assocjazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jirrizultax li l-imputat kellu intenzjoni li jbiegh jew jittraffika medicina perikoluza. Barra minn hekk mill-provi ma jirrizultax illi kien ntlahaq xi forma ta' ftehim dwar il-mezzi sabiex tinbiegh jew tigi traffikata d-droga.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li mill-atti processwali ma jirrizulta xejn mir-rapporti redatti mis-Sur Joseph Mallia (Dok. "JM 1" – fl-ahhar

ta' Volum 2), minn Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *Envelope Loose*) u minn dak redatt minn Dr. Marisa Cassar (Dok. "MC 1" – *a fol.* 333 *et seq.*) li jista' b'xi mod jew iehor iwassal ghal sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kellux xi involviment f'dak li huwa gie akkuzat bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dak kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija,

provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, ma jirrizultax li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Analdo Andres Venghaus hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

Il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' frizar u sekwestru tal-assi tal-imputat u fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti, liema talbiet saru fic-*charge sheet* migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li l-imputat gie liberat mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Finalment, peress illi l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward ta' dak li xehed Edgar Del Valle Yendes Gonzalez u li seta' rrenda lilu nnifsu hati ta' spergur fi proceduri kriminali, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet opportuni u fl-eventwalita' li jirrizultawlu provi sufficjenti jiehu dawk il-proceduri ulterjuri kontra Edgar Del Valle Yendes Gonzalez li jkunu opportuni u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**